MT 2018

Nru 15

Rapport Speċjali

Tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà interna fin-Niġer u l-Mali: il-progress huwa limitat u miexi bil-mod

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

TIM TAL-AWDITJAR

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma speċifiċi tal-baġit tal-UE. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla III tal-Awditjar, Azzjoni esterna/Sigurtà u ġustizzja, li hija mmexxija minn Karel Pinxten, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Bettina Jakobsen, Membru tal-QEA, li ngħatat appoġġ minn Katja Mattfolk, Kap tal-Kabinett u Kim Storup, Attaché tal-Kabinett; Beatrix Lesiewicz, Maniġer Prinċipali; Kim Hublé, Kap tal-Kompitu u Torielle Perreur-Lloyd, Awditur.

Mix-xellug għal-lemin: Torielle Perreur-Lloyd, Kim Hublé, Bettina Jakobsen, Katja Mattfolk.

WERREJ

	Paragrafu
Glossarju u abbrevjazzjonijiet	
Sommarju eżekuttiv	I - IX
Introduzzjoni	1 - 16
Ambitu u approċċ tal-awditjar	17 - 21
Osservazzjonijiet	22 - 62
Ir-rispons tal-UE fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-forzi tas-sigurtà ġie affettwat minn ineffiċjenzi operazzjonali	22 - 35
Is-SEAE għamel użu mit-tagħlimiet meħuda mill-Missjoni EUCAP Sahel Niger meta stabbilixxa l-Missjoni EUCAP Sahel Mali	23 - 24
Nuqqas ta' taħriġ u appoġġ qabel l-istazzjonar mill-kwartieri ġenerali tas-SEAE wasslu għal dewmien	25 - 27
Regoli u proċeduri tal-Kummissjoni mhumiex adattati għall-kundizzjonijiet fin-Niġer u fil-Mali	28 - 29
Nuqqas ta' gwida mill-kwartieri ġenerali tas-SEAE rriżulta fi proċeduri dgħajfa	30
L-Istati Membri tal-UE ma pprovdewx biżżejjed persunal biex jimtlew il-postijiet disponibbli	31 - 33
L-inċertezza fir-rigward tat-tul ta' żmien tal-Missjonijiet għamlitha diffiċli li tiġi ppjanata strateġija ta' ħruġ	34 - 35
Il-Missjonijiet EUCAP Sahel saħħew il-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà, iżda r-riżultati ma kinux sostenibbli	36 - 62
Billi li ħadmu f'kuntest diffiċli, il-Missjonijiet saħħew il-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà, għalkemm dan seħħ bil-mod	37 - 48
Iż-żewġ Missjonijiet indirizzaw is-sostenibbiltà, iżda bi ftit suċċess	49 - 54
Is-SEAE ma stabbiliex indikaturi xierqa għall-monitoraġġ tar-riżultati tal-Missjonijiet	55 - 56
Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Missjonijiet ma kinux adegwati u ma ffukawx fuq l-impatt	57 - 60

Il-partijiet ikkonċernati u l-benefiċjarji kellhom fehma pożittiva tal-attivitajiet tal-Missjoni u tar-rwol ta' koordinazzjoni tagħhom 61 - 62

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet 63 - 69

Anness I – Missjonijiet u Operazzjonijiet tal-PSDK li jinsabu għaddejjin

Anness II – Siltiet mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2016/1172 (in-Niġer) u 2017/50 (il-Mali)

Anness III – Deskrizzjoni qasira mill-QEA dwar il-progress li sar mill-Missjoni EUCAP Sahel Niger fit-twettiq tal-kompiti

Anness IV – Deskrizzjoni qasira mill-QEA dwar il-progress li sar mill-Missjoni EUCAP Sahel Mali fit-twettiq tal-kompiti

Risposti tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u tal-Kummissjoni

GLOSSARJU U ABBREVJAZZJONIJIET

CIVCOM	Kumitat għall-Aspetti Ċivili tal-Maniġġjar ta’ Kriżijiet: korp konsultattiv stabbilit mill-Kunsill li jipprovdi tagħrif, jagħmel rakkomandazzjonijiet u jagħti pariri dwar l-aspetti ċivili tal-maniġġjar ta' kriżijiet.
CMC	Kunċett ta’ Maniġġjar ta’ Kriżi: l-iskop tas-CMC huwa li janalizza u jipproponi l-possibbiltajiet previsti fil-PSDK, jiddeskrivi l-għanijiet u l-objettivi tagħhom, u jiddetermina l-miri u l-ambitu possibbli ta’ Missjoni tal-PSDK, tal-UE.
CMPD	Direttorat għall-Maniġġjar ta' Kriżijiet u l-Ippjanar: id-dipartiment fi ħdan is-SEAE responsabbli għall-ippjanar strateġiku u tal-politika ta’ Missjonijiet ċivili tal-PSDK. Ir-rwol tas-CMPD huwa li jiżgura l-koerenza u l-effettività tal-Missjonijiet u jiżviluppa sħubijiet, politiki, kunċetti u kapaċitajiet fil-qafas tal-PSDK. Huwa inkarigat mill-ippjanar strateġiku ta’ Missjonijiet ġodda tal-PSDK u mit-twettiq ta’ analiżijiet strateġiċi ta’ Missjonijiet eżistenti tal-PSDK.
COG	Centres Opérationnels de Gendarmerie (fin-Niġer): korpi permanenti stabbiliti biex jissorveljaw dak li jkun qed jiġri fir-reġjun, jipprovdu riżorsi lill-pattulji, jiġbru informazzjoni, jgħadduha lill-awtoritajiet rilevanti u jirreaġixxu f’sitwazzjonijiet ta’ kriżi.
CONOPS	Kunċett tal-Operazzjonijiet. Dan huwa dokument ta’ ppjanar li jistabbilixxi mandat ta’ Missjoni u jikkonkretizza l-intenzjoni politika fi gwida billi jindika liema azzjoni hija meħtieġa biex titwettaq il-Missjoni.
COR	Centres Opérationnels Régionaux (fin-Niġer); korpi temporanji maħsuba biex ilaqqgħu flimkien il-membri tal-Provinċji u tal-Forzi Niġerini tad-Difiża u s-Sigurtà, u l-korpi responsabbli għall-protezzjoni ċivili, it-tifi tan-nar, il-protezzjoni ambjentali u d-dwana sabiex jittrattaw il-kriżijiet li jirriżultaw minn attakki terroristiċi, kriminalità organizzata u diżastri naturali.
CPCC	Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija: id-dipartiment fi ħdan is-SEAE li jippjana, jidderieġi, jikkoordina, jagħti parir, jappoġġa, jissorvelja u janalizza l-Missjonijiet ċivili tal-PSDK. Is-CPCC tabbozza d-dokumenti ewlenin tat-tfassil u tal-ippjanar għall-Missjonijiet: jiġifieri CONOPS u OPLAN.
EUCAP	Tisħiħ tal-Kapaċità tal-Unjoni Ewropea
EUTM	Missjoni ta' Taħriġ tal-Unjoni Ewropea: missjoni ta’ taħriġ militari multinazzjonali bil-kwartieri ġenerali tagħha f’Bamako, il-Mali, li tħarreġ u tagħti parir lill-forza militari tal-Mali.
FPI	Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija. Il-kompitu ewlieni tal-FPI huwa li jimplimenta għadd ta’ azzjonijiet tal-politika barranija tal-UE. L-FPI jimmaniġġja l-operazzjonijiet u l-finanzjament tagħhom. Huwa dipartiment tal-Kummissjoni Ewropea li jaħdem mill-qrib mas-SEAE.
FSI	Forzi tas-Sigurtà Interna: pulizija, ġendarmerija u gwardja nazzjonali.

GIZ	*Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit GmbH* (Korporazzjoni Ġermaniża għall-Kooperazzjoni Internazzjonali)
KPS	Kumitat Politiku u ta' Sigurtà. Dan il-Kumitat jissorvelja s-sitwazzjoni internazzjonali, jirrakkomanda approċċi strateġiċi u għażliet ta’ politika lill-Kunsill, jipprovdi gwida lis-CIVCOM u jiżgura l-kontroll politiku fuq l-operazzjonijiet ta’ mmaniġġjar ta’ kriżijiet u d-direzzjoni strateġika tagħhom. Il-KPS huwa magħmul minn ambaxxaturi tal-Istati Membri tal-UE bbażati fi Brussell u huwa presedut minn rappreżentanti tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.
MINUSMA	Missjoni Multidimensjonali Integrata tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabbilizzazzjoni fil-Mali, li tiffoka fuq doveri, bħall-iżgurar tas-sigurtà, l-istabbilizzazzjoni u l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili; l-appoġġ tad-djalogu politiku nazzjonali u r-rikonċiljazzjoni nazzjonali; u l-assistenza fl-istabbiliment mill-ġdid tal-awtorità tal-Istat, il-bini mill-ġdid tas-settur tas-sigurtà, kif ukoll il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż.
MIP	Pjan ta’ Implimentazzjoni tal-Missjoni. Dan jipprovdi l-attivitajiet u l-proġetti li jkunu jridu jitwettqu biex Missjoni tkun tista’ tikkompleta l-kompiti tagħha.
MMA	Mentoraġġ, monitoraġġ u konsulenza. Mentoraġġ: trasferiment strutturat ta’ għarfien bejn mentor u mentee f’konformità ma’ pjan. Monitoraġġ: osservazzjoni, valutazzjoni u rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-mentee fir-rigward tal-għoti ta’ korsijiet ta’ taħriġ fl-FSI. Konsulenza: appoġġ mogħti bil-għan li l-mentees ikunu jistgħu jipprovdu korsijiet ta' taħriġ b’mod awtonomu.
OPLAN	Pjan Operazzjonali. Dan jistabbilixxi l-objettivi u l-kompiti ta’ Missjoni.
PESK	Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni
PSDK	Politika ta’ Sigurtà u ta’ Difiża Komuni
QEA	Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
RGħ/VP	Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea
SEAE	Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, li huwa s-servizz diplomatiku tal-Unjoni Ewropea. Huwa jgħin lill-kap tal-affarijiet barranin tal-UE – ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà – timplimenta l-Politika Estera u ta’ Sigurtà Komuni tal-Unjoni.
UE	L-Unjoni Ewropea
RAP	Regoli tal-Applikazzjoni. Ir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ("ir-Regoli tal-Applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju"), kif emendat.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I. In-nuqqas ta' sigurtà fir-reġjun tas-Saħel fl-Afrika tal-Punent għandu impatt negattiv kemm fuq l-iżvilupp tal-pajjiżi tiegħu, kif ukoll fuq l-interessi tal-Unjoni Ewropea (UE). Il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) hija strument tal-UE maħsub biex jindirizza l-isfidi li jirriżultaw mill-kunflitti armati, l-instabbiltà politika, it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-migrazzjoni illegali. Taħt il-PSDK, l-UE tmexxi Missjonijiet ċivili fin-Niġer u fil-Mali li jipprovdu taħriġ, pariri u tagħmir sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-forzi nazzjonali responsabbli għas-sigurtà interna.

II. Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) stabbilixxa Missjonijiet tal-UE għat-Tisħiħ tal-Kapaċità (EUCAP Sahel) fin-Niġer (2012) u fil-Mali (2014) f'isem l-Istati Membri tal-UE u jippjana u jiġġestixxi l-operazzjonijiet tagħhom, filwaqt li l-Kummissjoni timmaniġġja l-baġits tagħhom, iffinanzjati mill-UE (EUR 69.46 miljun għan-Niġer għall-perjodu mill-2012 sal-2017 u EUR 66.48 miljun għall-Mali għall-perjodu mill-2014 sal-2017). Kull Missjoni għandha l-Kap tal-Missjoni tagħha stess, li huwa responsabbli għall-operazzjonijiet fil-pajjiż ikkonċernat. Aktar minn nofs il-persunal assenjat għall-Missjonijiet ġie ssekondat u mħallas mill-Istati Membri tal-UE. Il-bqija tal-persunal jitħallas mill-baġits tal-Missjonijiet.

III. Aħna eżaminajna kif il-Missjonijiet EUCAP Sahel ġew stabbiliti u mmaniġġjati, kif operaw, u jekk kellhomx suċċess fit-tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi responsabbli għas-sigurtà interna fin-Niġer u l-Mali. Intervistajna l-persunal tas-SEAE, tal-Kummissjoni, taż-żewġ Missjonijiet EUCAP Sahel, tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-forzi tas-sigurtà interna (FSI) fin-Niġer u fil-Mali, kif ukoll firxa ta' partijiet ikkonċernati.

IV. Ikkonkludejna li l-Missjonijiet ikkontribwew għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi responsabbli għas-sigurtà interna, iżda dak il-progress tnaqqas minħabba l-kuntest diffiċli li huma kellhom jaħdmu fih u minħabba ineffiċjenzi operazzjonali. Aħna sibna li l-persunal tal-Missjoni ma kienx irċieva gwida prattika adegwata u, fil-każ tal-Missjoni EUCAP Sahel Niger, il-persunal ma kienx irċeiva taħriġ qabel l-istazzjonar. Is-SEAE u l-Kummissjoni ma pprovdewx biżżejjed appoġġ u f'xi każijiet applikaw proċeduri li ma kinux adatti għall-kundizzjonijiet tax-xogħol fuq il-post.

V. Iż-żewġ Missjonijiet kellhom għadd kbir ta' postijiet vakanti. Bħala medja tliet kwarti tal-postijiet biss kienu okkupati. Il-proċeduri ta' reklutaġġ kienu jieħdu l-ħin u ħafna drabi ma kinux ikunu ta' suċċess. L-issekondar tal-persunal tal-Istati Membri tal-UE ġeneralment ma jdumx aktar minn sentejn. Il-Missjonijiet EUCAP Sahel jirċievu baġits annwali u l-mandat tagħhom huwa ta' sentejn. Dan kollu jnaqqas l-effiċjenza operazzjonali tal-Missjonijiet minħabba li ma jinkoraġġix li jsir ippjanar fuq terminu medju jew fuq terminu twil. Fl-istess waqt, anki jekk il-Missjonijiet mhumiex maħsuba li jsiru korpi permanenti fil-pajjiżi ospitanti, attwalment ma hemmx pjan ċar lejn strateġija ta' ħruġ.

VI. Aħna sibna li l-Missjonijiet indirizzaw is-sostenibbiltà fl-attivitajiet tagħhom, iżda ma tantx kellhom suċċess. Dan kien parzjalment dovut, minn naħa, għan-nuqqas ta' sjieda mill-pajjiżi ospitanti, u min-naħa l-oħra, minħabba l-fatt li l-Missjonijiet ma ddedikawx riżorsi adegwati biex jiżguraw is-sostenibbiltà u jagħmlu segwitu fuq l-applikazzjoni prattika u l-użu tat-taħriġ mogħti u t-tagħmir fornut.

VII. Il-Missjonijiet kellhom indikaturi tal-prestazzjoni dgħajfa u matul il-perjodu awditjat ma sorveljawx u ma evalwawx adegwatament il-kisba tal-kompiti tagħhom. Il-valutazzjonijiet tal-impatt tas-SEAE ma kinux marbuta mal-monitoraġġ u mal-evalwazzjoni.

VIII. Aħna osservajna li l-Missjonijiet kellhom rwol importanti fit-tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi responsabbli għas-sigurtà interna fin-Niġer u fil-Mali, kif ukoll fl-appoġġ ta' attivitajiet oħra tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. Id-donaturi l-oħra, l-Istati Membri tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali u l-benefiċjarji tal-appoġġ tal-EUCAP fin-Niġer u fil-Mali taw valutazzjoni kumplessiva pożittiva tal-attivitajiet tal-Missjonijiet EUCAP Sahel.

IX. Aħna nagħmlu r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lis-SEAE u lill-Kummissjoni:

- li jieħdu miżuri biex itejbu l-effiċjenza operazzjonali tal-Missjonijiet;

- li jtejbu r-rata ta' okkupanza tal-postijiet għall-persunal fil-Missjonijiet;

- li jistabbilixxu mandati u baġits li jaqblu mal-operazzjonijiet u li jipprevedu strateġija ta' ħruġ;

- li jżidu l-fokus fuq is-sostenibbiltà;

- li jtejbu l-indikaturi, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

INTRODUZZJONI

In-Niġer u l-Mali fir-reġjun tas-Saħel

1. In-Niġer u l-Mali huma stati fl-Afrika tal-Punent li jinsabu f'sitwazzjoni fraġli. Dawn huma demokraziji parlamentari reċenti b'ekonomiji dgħajfa u amministrazzjonijiet pubbliċi li għadhom qed jiżviluppaw. Filwaqt li ġew elenkati fil-187 u fil-175 post mill-188 pajjiż elenkat fl-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem għall-2016, il-popolazzjonijiet tagħhom huma fost l-ifqar fid-dinja. In-Niġer u l-Mali huma s-sitt u t-tmien l-akbar pajjiżi fl-Afrika u jinsabu fil-parti tan-Nofsinhar tad-deżert tas-Saħara. Ħafna migranti jgħaddu minn dawn iż-żewġ pajjiżi fi triqthom lejn id-destinazzjoni finali tagħhom.

2. Minkejja ftehim ta' paċi ffirmat f'Ġunju 2015 u l-preżenza ta' forzi barranin għaż-żamma tal-paċi, il-gruppi estremisti xorta għadhom attivi fit-Tramuntana tal-Mali, u l-forzi tas-sigurtà nazzjonali għandhom quddiemhom għadd ta' sfidi. L-għadd ta' vittmi u attakki terroristiċi għadu għoli. Is sigurtà tan-Niġer hija mhedda min-nuqqas ta' stabbiltà fil-pajjiżi tal-viċinat, jiġifieri il-Libja, fin-Niġerja u fil-Mali. Il-gvern għandu quddiemu sfidi bħall-ġlieda kontra t-traffikanti tal-bnedmin u attivitajiet oħra illegali.

3. F'Marzu 2011, l-UE adottat Strateġija għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fir-reġjun tas-Saħel, fuq il-bażi tal-premessa li l-iżvilupp u s-sigurtà jappoġġaw lil xulxin b'mod reċiproku u l-problemi li r-reġjun tas-Saħel qed jiffaċċja jeħtieġu tweġiba reġjonali. Fl-2014, in-Niġer, il-Mali, il-Mauritania, iċ-Chad u l-Burkina Faso, qablu li joħolqu organizzazzjoni reġjonali, il-"Grupp ta' Ħamsa" (G5), biex isaħħu l-kooperazzjoni fir-rigward tal-iżvilupp u s-sigurtà fir-reġjun tas-Saħel (ara l-***Mappa***). L-UE tappoġġa din l-inizjattiva fl-oqsma ta' interess komuni bħas-sigurtà, il-kontroll tal-migrazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, is-sitwazzjoni umanitarja u l-iżvilupp.

<u>Mappa</u> – Il-pajjiżi G5 tar-reġjun tas-Saħel



Il-fruntieri u l-ismijiet li jidhru fuq din il-mappa kif ukoll id-deżinjazzjonijiet użati ma jimplikawx l-approvazzjoni jew l-aċċettazzjoni uffiċjali mill-Unjoni Ewropea.

Sors: il-Eurostat.

Missjonijiet Ċivili tal-PSDK

4. Il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tal-UE tiddetermina l-istrutturi u l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet u tad-difiża tal-Unjoni, u tikkostitwixxi parti kbira mill-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)[1]. Il-PSDK, li hija koperta mill-Artikoli 42 sa 46 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, irriżultat fl-iskjerament ta' Missjonijiet[2] barra mill-UE bil-

[1] Skont il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2014-2020, l-ammont allokat għall-PESK huwa ta' EUR 2 076 miljun.

[2] "Missjoni" huwa t-terminu uffiċjali użat mis-SEAE biex jiġu definiti entitajiet legali indipendenti u mhux permanenti mwaqqfa f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

għan li jiżguraw iż-żamma tal-paċi, il-prevenzjoni ta' kunflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali f'konformità mal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

5. Mill-2003 'l hawn[3], l-UE wettqet 22 Missjoni ċivili tal-PSDK f'pajjiżi terzi madwar id-dinja. L-għaxar Missjonijiet, li għadhom għaddejjin fi Frar 2018, jiffukaw l-aktar fuq il-bini tal-kapaċitajiet tal-istat tad-dritt u t-tisħiħ tiegħu fl-istati ospitanti. Il-maġġoranza tagħhom jipprovdu appoġġ fl-oqsma tar-riforma tas-settur tas-sigurtà u l-governza tajba, pereżempju, il-EULEX[4] Kosovo[5] u EUPOL[6] Afghanistan[7]. Oħrajn jittrattaw ukoll il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ġestjoni tal-fruntieri (il-Missjoni EUCAP Sahel Mali), u aktar reċentement, il-ġestjoni tal-migrazzjoni illegali (il-Missjoni EUCAP Sahel Niger). Attwalment, l-UE qed tmexxi wkoll sitt Operazzjonijiet militari, li huma ffinanzjati direttament mill-Istati Membri tal-UE u mhux mill-baġit tal-UE. Ara l-***Anness I*** għal ħarsa ġenerali tal-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet militari tal-PSDK.

6. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea (RGħ/VP) hija responsabbli għall-Missjonijiet ċivili tal-PSDK. Taħt l-awtorità tagħha, is-SEAE jimmaniġġja x-xogħol li jsir fil-kuntest tal-Missjonijiet u s-servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI) tal-Kummissjoni Ewropea jimmaniġġja l-baġits tagħhom. Id-Direttorat għall-Maniġġjar ta' Kriżijiet u l-Ippjanar (CMPD) fi ħdan is-SEAE jwettaq l-ippjanar politiku u strateġiku tal-Missjonijiet u jiżviluppa Kunċetti ta' Maniġġjar ta' Kriżi (CMCs) għal Missjonijiet ġodda tal-PSDK. L-unità tas-SEAE responsabbli għall-

---

[3] Is-SEAE nieda l-ewwel Missjoni tal-PSDK tiegħu fl-2003 (il-Missjoni tal-Pulizija tal-UE fil-Bożnija-Ħerzegovina)

[4] Il-Missjoni tal-Istat tad-Dritt tal-UE.

[5] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) fl-2012 ippubblikat Rapport Speċjali dwar il-EULEX (Rapport Speċjali Nru 18/2012 "L-assistenza tal-Unjoni Ewropea lill-Kosovo relatata mal-istat tad-dritt"(http://eca.europa.eu)).

[6] Il-Missjoni tal-Pulizija tal-UE.

[7] Il-QEA fl-2015 ippubblikat Rapport Speċjali dwar il-EUPOL (Rapport Speċjali Nru 7/2015 "Il-missjoni tal-pulizija tal-UE fl-Afganistan: riżultati mħallta" (http://eca.europa.eu)).

istabbiliment u l-manutenzjoni tal-Missjonijiet hija l-istruttura tal-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC), li d-direttur tagħha huwa wkoll il-Kmandant ta' Operazzjonijiet Ċivili.

7. L-Istati Membri tal-UE jiddeċiedu li jistabbilixxu u jtemmu Missjonijiet ċivili tal-PSDK permezz tal-Kunsill. Huma jistabbilixxu l-objettivi u l-mandati tal-Missjonijiet, japprovaw il-pjanijiet ta' ħidma tagħhom u jiddeċiedu jekk iġeddux il-mandati u għal kemm żmien. Flimkien mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill jistabbilixxi wkoll il-baġits tal-Missjonijiet. Il-***Kaxxa 1*** tippreżenta l-proċedura li tibda mill-identifikazzjoni ta' kriżi u li twassal għall-istabbiliment tal-Missjonijiet u l-***Figura 1*** turi kif jiġu ppjanati.

Kaxxa 1 – Il-proċedura li tibda mill-identifikazzjoni ta' kriżi u li twassal għall-istabbiliment ta' Missjonijiet ċivili tal-PSDK

1. Ladarba tiġi identifikata kriżi mis-SEAE u mill-Istati Membri tal-UE, il-Kunsill jiżviluppa Qafas Politiku għal Approċċ għal Kriżijiet (PFCA) f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-uffiċċji ġeografiċi tas-SEAE (GEO-DESKs) u d-dipartimenti rilevanti tas-SEAE. Dan id-dokument jistabbilixxi l-kuntest politiku, jispjega n-natura tal-kriżi, jagħti r-raġuni għalfejn jenħtieġ li l-UE taġixxi u jindika liema strumenti huma disponibbli u dawk li huma l-aktar adatti għar-rispons tal-UE.

2. Il-gwida u d-direzzjoni politika li jiġu riċevuti mill-Istati Membri tal-UE (mibgħuta permezz tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u l-Kunsill) huma artikolati permezz ta' dokumenti ta' ppjanar u ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill iggwidati minn proċess imsemmi Proċeduri tal-Ġestjoni tal-Kriżijiet.

3. Jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jistabbilixxi Missjoni ċivili tal-PSDK, is-CMPD jiġbor fatti miż-żona tal-kriżi u jfassal Kunċett ta' Maniġġjar ta' Kriżi.

4. Imbagħad, is-CPCC tabbozza d-dokumenti ewlenin tat-tfassil u tal-ippjanar għall-Missjonijiet: il-Kunċett tal-Operazzjonijiet (CONOPS), li jistabbilixxi l-mandati tal-Missjonijiet, u l-Pjan Operazzjonali (OPLAN), li jiddefinixxi l-kompiti tal-Missjonijiet u r-riżultati mistennija. Fil-livell operazzjonali, l-objettivi u l-kompiti ddikjarati fl-OPLAN jiġu kkonkretizzati fi Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Missjoni (MIP). L-MIP jispjega fid-dettall l-attivitajiet u l-proġetti li jridu jitwettqu sabiex jinkisbu l-kompiti.

<u>Figura 1</u> – L-ippjanar ta' Missjonijiet ċivili tal-PSDK



Sors: is-SEAE.

8. Is-CPCC tippjana u tfassal il-kuntest tax-xogħol tal-Missjonijiet u tiddefinixxi l-attivitajiet u l-indikaturi tal-prestazzjoni. Hija tipprovdi wkoll input lill-FPI rigward il-baġits tal-Missjonijiet u tappoġġa lis-CMPD fit-tħejjija ta' analiżijiet strateġiċi perjodiċi tal-progress. Fil-kwartieri ġenerali tagħha fi Brussell, is-CPCC għandha 68 membru tal-persunal. Kap tal-Missjoni jieħu l-kmand fil-livell operazzjonali fuq il-post. Ħafna mill-membri tal-persunal tal-Missjonijiet huma ssekondati mill-Istati Membri tal-UE. Il-pajjiżi ta' oriġini jħallsu s-salarji tal-persunal li jibagħtu, filwaqt li l-baġit tal-Missjoni tal-UE jiffinanzja indennizz ta' kuljum addizzjonali u primjum tar-riskju. Il-membri tal-persunal ikkuntrattati jiġu impjegati direttament mill-Missjonijiet u fil-biċċa l-kbira jaħdmu fl-oqsma tal-finanzi, tal-loġistika, tas-sigurtà u tal-amministrazzjoni.

Missjonijiet EUCAP Sahel fin-Niġer u fil-Mali

9. L-UE tuża Missjonijiet ċivili u Operazzjonijiet militari[8] tal-PSDK, kif ukoll strumenti oħra tal-UE[9] biex timplimenta l-Istrateġija tagħha għas-Saħel. L-UE stabbiliet il-Missjonijiet fin-Niġer u fil-Mali biex tirreaġixxi għat-theddid għall-iżvilupp u għas-sigurtà interna tas-Saħel, kif ukoll għas-sigurtà tal-UE. L-għan kien li tgħin biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-forzi nazzjonali responsabbli għas-sigurtà interna billi tipprovdi taħriġ, konsulenza u tagħmir. Il-persunal taż-żewġ Missjonijiet EUCAP Sahel jipprovdu dan l-appoġġ fil-funzjoni mhux eżekuttiva tiegħu[10]. Huma jsaħħu l-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà interna (il-pulizija, il-ġendarmerija, il-gwardja nazzjonali) fil-pajjiżi ospitanti. Fin-Niġer, dan jinkludi l-armata sakemm ir-rwol tagħha jirrigwarda s-sigurtà interna.

10. Il-Kunsill stabbilixxa l-Missjoni EUCAP Sahel Niger fl-2012 "sabiex tappoġġa l-iżvilupp tal-kapaċità tal-atturi tas-sigurtà tan-Niġer biex jikkumbattu t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata"[11]. Fl-2015, l-Istati Membri tal-UE espandew il-mandat tal-Missjoni biex jinkludi l-assistenza lin-Niġer biex jeżerċita kontroll u jiġġieled kontra l-migrazzjoni irregolari, kif ukoll jiġbor l-informazzjoni f'dan ir-rigward. L-uffiċċju prinċipali u l-maġġoranza tal-169 post għall-persunal[12] tal-Missjoni jinsabu fil-belt kapitali, Niamey. Fl-2016, il-Missjoni fetħet uffiċċju lokali f'Agadez fid-deżert tas-Saħara. L-attivitajiet prinċipali tal-Missjoni huma:

---

[8] Il-Missjoni ta' Taħriġ tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUTM) hija operazzjoni ta' taħriġ militari bil-kwartieri ġenerali tagħha f'Bamako, fil-Mali, maħsuba biex tħarreġ u tagħti konsulenza lill-forzi militari tal-Mali.

[9] Prinċipalment l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika u għajnuna umanitarja.

[10] Meta l-membri tal-persunal ta' Missjoni jkollhom rwol eżekuttiv, huma jkollhom mandat biex jaġixxu direttament f'isem il-pajjiż ospitanti. F'Missjoni mhux eżekuttiva, il-persunal jappoġġa lill-pajjiż ospitanti fi rwol konsultattiv.

[11] L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 187, 17.7.2012, p. 48).

[12] Għadd ta' persunal (aġenti ssekondati, esperti internazzjonali taħt kuntratt u aġenti lokali) ibbaġitjat fl-2016/2017. Fil-Missjoni EUCAP Sahel Niger, aktar minn nofs il-persunal internazzjonali huwa minn Franza (53 %), segwit mir-Rumanija (15 %) u l-Belġju (8 %).

- li tipprovdi taħriġ f'setturi ewlenin inklużi l-forensika, l-intervent tattiku u tekniku, u tgħallem lill-persunal fil-forzi tas-sigurtà interna (FSI) biex ikunu jistgħu jagħtu taħriġ huma stess;

- li tagħti konsulenza lill-FSI dwar kif ifasslu u jorganizzaw il-korsijiet;

- li tgħin lill-FSI biex jaħdmu flimkien (interoperabbiltà) u biex jikkoordinaw xogħolhom;

- li tipprovdi tagħmir bħal mapep għal żoni remoti, softwer tar-riżorsi umani, vetturi għal kull art, kittijiet forensiċi tal-pulizija u garaxxijiet mobbli;

- li tappoġġa r-reviżjoni tal-liġi Niġerina dwar il-migrazzjoni irregolari u l-kriminalità organizzata assoċjata.

11. Fl-2014, il-Kunsill stabbilixxa l-Missjoni EUCAP Sahel Mali biex "l-awtoritajiet Maljani jkunu jistgħu jerġgħu jistabbilixxu u jżommu l-ordni kostituzzjonali u demokratiku u l-kondizzjonijiet għal paċi dejjiema fil-Mali, u li jerġgħu jistabbilixxu u jżommu l-awtorità u l-leġittimità tal-Istat fuq it-territorju kollu tal-Mali permezz tal-instawrazzjoni mill-ġdid effikaċi tal-amministrazzjoni tiegħu"[13]. Il-194 post għall-persunal[14] assenjati għall-Missjoni jinsabu fil-belt kapitali Bamako. Dawn li ġejjin huma whud mill-attivitajiet tal-Missjoni:

- ir-riforma tal-politika u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet biex jiġu żviluppati l-ħiliet ta' ġestjoni tal-fruntieri;

- ir-reviżjoni ta' kurrikuli tat-taħriġ u l-forniment ta' taħriġ dwar il-ġestjoni operazzjonali u dik tar-riżorsi umani, l-etika professjonali, l-ordni pubbliku, it-tekniki ta' intelligence, l-intervent professjonali, il-pulizija kriminali, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u d-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi;

---

[13] L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/219/PESK tal-15 ta' April 2014 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 113, 16.4.2014, p. 21).

[14] Għadd ta' persunal (aġenti ssekondati, esperti internazzjonali taħt kuntratt u aġenti lokali) ibbaġitjat fl-2017. Fil-Missjoni EUCAP Sahel Mali, il-persunal internazzjonali ġej prinċipalment minn erba' Stati Membri tal-UE: Franza (30 %), ir-Rumanija (19 %), il-Belġju (13 %) u l-Ġermanja (10 %).

- it-tnedija ta' skwadri mobbli tat-taħriġ u tal-valutazzjoni biex jilħqu reġjuni remoti.

12. L-***Anness II*** juri l-mandat u l-objettivi assenjati għaż-żewġ Missjonijiet EUCAP Sahel mill-Kunsill. It-***Tabella 1*** tipprovdi ħarsa ġenerali tal-karatteristiċi ewlenin tal-Missjonijiet.

Tabella 1 – Similaritajiet u differenzi: Il-Missjoni EUCAP Sahel Niger u l-Missjoni EUCAP Sahel Mali

	In-Niġer u l-Mali	**In-Niġer**	**Il-Mali**
Bidu tal-operazzjonijiet		2012	2014
Durata tal-mandat	Sentejn li huma rinnovabbli		
Benefiċjarji prinċipali	Forzi tas-Sigurtà Interna: - Pulizija - Ġendarmerija - Gwardja Nazzjonali	Kif ukoll il-Forzi Armati Niġerini fir-rigward tas-sigurtà interna	
Kwartieri ġenerali	Il-Belt kapitali	Niamey	Bamako
Uffiċċju lokali		Agadez	
Postijiet għall-persunal disponibbli		169	194
Sfidi ta' sigurtà li huma l-fokus prinċipali tal-EUCAP	- Preżenza ta' gruppi terroristiċi - Fruntieri mhux sikuri - Migrazzjoni irregolari - Espansjoni tar-radikalizzazzjoni	- Ritorn ta' ċittadini Niġerini mil-Libja - Disponibbiltà ta' armi - Netwerks illegali tat-traffikar u tal-kuntrabandu - Boko Haram/terroristi pentiti	- Stat dgħajjef u nuqqas ta' kontroll ta' xi partijiet mit-territorju Maljan - Preżenza ta' traffikanti - Korruzzjoni - Kriminalità organizzata - Nuqqas ta' fiduċja bejn il-popolazzjoni u l-FSI

13. Il-Kunsill approva EUR 69.46 miljun għall-Missjoni EUCAP Sahel Niger bejn Lulju 2012 u Lulju 2017 u EUR 66.48 miljun għall-Missjoni EUCAP Sahel Mali bejn April 2014 u Jannar 2017. Minn dan l-ammont, kull Missjoni nefqet 53 % fuq l-ispejjeż għall-persunal u 19 % (in-Niġer) u 24 % (il-Mali) fuq l-ispejjeż operazzjonali, bħall-kera, l-assigurazzjoni, l-ispejjeż tas-sigurtà u l-karozzi (ara l-***Graff 1***). Il-Missjonijiet użaw rispettivament 77 %[15] u 67 %[16] minn dawn il-bażits akkumulati.

[15] *Sors:* Abbozzi ta' rapporti finanzjarji għall-ewwel tliet snin. L-awditu għar-raba' sena sar f'Jannar 2018 u l-awditu għall-ħames sena sar fir-rebbiegħa tal-2018. Ma kien hemm l-ebda rapport finanzjarju disponibbli fiż-żmien meta twettaq l-awditu.

[16] Iċ-ċifri huma bbażati fuq abbozzi ta' rapporti finanzjarji li jkopru l-ewwel sentejn.

<u>Graff 1</u> – Tip ta' nfiq għall-Missjoni EUCAP Sahel Niger u l-Missjoni EUCAP Sahel Mali



Sors: il-Kummissjoni Ewropea.

Żviluppi reċenti

14. Mill-2015 'l hawn, b'rispons għall-bdil fl-ambjent tas-sigurtà, il-kompiti tal-Missjonijiet ċivili tal-PSDK saru dejjem aktar varjati. Pereżempju, huma ffukaw l-aktar fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu, u żiedu l-attivitajiet relatati mal-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni. Meta fl-2016 ir-RGħ/VP ippreżentat l-"Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea", enfasizzat l-importanza ewlenija tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ċivili f'pajjiżi terzi[17].

15. Fil-Pjan ta' Implimentazzjoni dwar is-Sigurtà u d-Difiża[18], ir-RGħ/VP talbet lill-Istati Membri tal-UE biex jaqblu biex jilħqu ftehim dwar l-analiżi tal-istrutturi u tal-kapaċitajiet għall-ippjanar u l-kondotta tal-Missjonijiet tal-PSDK[19]. F'Novembru 2017, il-Kunsill stedinha biex tippreżenta l-passi li jmiss għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili sabiex sal-2018 jintlaħaq

---

17 EU Global Strategy on Security and Defence (Strateġija Globali tal-UE dwar is-Sigurtà u d-Difiża), p. 50.

18 EU Global Strategy Implementation Plan on Security and Defence (Pjan ta' Implimentazzjoni għall-Istrateġija Globali tal-UE dwar is-Sigurtà u d-Difiża), 17.11.2016.

19 *Ibid* p. 5.

ftehim għal Patt dwar id-dimensjoni ċivili tal-PSDK[20][21]. Dan huwa t-tielet pass minn proċess ta' tliet stadji li jibda b'Dokument Kunċettwali li jħares 'il quddiem, li huwa segwit mill-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet Ċivili u li, fil-Patt, jippermetti lill-partijiet ikkonċernati kollha (primarjament l-Istati Membri tal-UE) biex jimpenjaw ruħhom għall-proċess tat-tisħiħ tal-Missjonijiet ċivili tal-PSDK.

16. Il-Kunsill stieden lir-RGħ/VP biex tistabbilixxi "kapaċità bażika ta' rispons" sa Mejju 2018[22], magħmula minn "Pjattaforma ta' Sostenn għall-Missjonijiet imsaħħa[23] kif ukoll minn riżorsi li jitqiegħdu f'Missjonijiet eżistenti." Iż-żieda fl-importanza tal-Missjonijiet ċivili tal-PSDK irriżultat fl-allokazzjoni ta' riżorsi addizzjonali għas-SEAE mill-2018 biex jissaħħaħ l-appoġġ għall-Missjonijiet ċivili tal-PSDK.

AMBITU U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR

17. Dan l-awditu kopra ż-żewġ Missjonijiet ċivili tal-PSDK stabbiliti mill-UE biex isaħħu l-kapaċità tal-forzi responsabbli għas-sigurtà interna fin-Niġer u l-Mali[24]. Aħna staqsejna l-mistoqsijiet li ġejjin:

- Il-Missjonijiet EUCAP Sahel ġew ippjanati u implimentati b'mod korrett mis-SEAE?

---

[20] Ikkonfermat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2018: "Il-valur miżjud tad-dimensjoni ċivili tal-PSDK fi ħdan l-Approċċ Integrat tal-UE għall-konflitti u l-kriżijiet esterni u matul iċ-ċiklu sħiħ tal-konflitt għandu jiġi definit u r-rekwiżiti fir-rigward tal-kapaċitajiet ċivili għandhom jintlaħqu fil-Patt tal-PSDK fl-2018".

[21] "Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà u d-difiża fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE, 13.11.2017", p. 9.

[22] *Ibid*, il-punt 15.

[23] Il-Pjattaforma ta' Sostenn għall-Missjonijiet hija magħmula minn membri tal-persunal fil-kwartieri ġenerali tas-SEAE u għandha l-għan li tiċċentralizza l-forniment ta' funzjonijiet ta' appoġġ lill-Missjonijiet ċivili tal-PSDK (eż. it-teknoloġija tal-informazzjoni, ir-riżorsi finanzjarji u dawk umani).

[24] Il-QEA ppubblikat żewġ rapporti speċjali dwar il-Missjonijiet ċivili tal-PSDK, wieħed fl-2012 (il-EULEX fil-Kosovo) u l-ieħor fl-2015 (EUPOL fl-Afganistan). Ir-rakkomandazzjonijiet magħmula fiż-żewġ rapporti huma applikabbli wkoll għall-Missjonijiet EUCAP Sahel fin-Niġer u l-Mali. Fir-risposta tiegħu għar-rakkomandazzjoni, is-SEAE ddikjara li aċċettahom.

- Il-Missjonijiet EUCAP Sahel saħħew il-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà fin-Niġer u l-Mali?

18. L-awditu kopra l-perjodu mill-istabbiliment tal-Missjonijiet u inkluda ż-żjarat li saru fin-Niġer u l-Mali f'Settembru 2017.

19. Aħna bdejna xogħolna billi analizzajna l-istrateġiji, il-politiki, il-pjanijiet u r-rapporti ta' implimentazzjoni. Wara dan, iltqajna mal-persunal responsabbli għall-immaniġġjar tal-Missjonijiet minn Brussell: is-CPCC u s-CMPD tas-SEAE, kif ukoll id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp u l-FPI. Intervistajna wkoll rappreżentanti tal-Kumitat għall-Aspetti Ċivili tal-Maniġġjar ta' Kriżijiet (CIVCOM) minn erba' Stati Membri tal-UE[25], ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Saħel u l-eks Kap tal-Missjoni EUCAP Sahel Niger.

20. Aħna żorna kemm in-Niġer kif ukoll il-Mali, fejn intervistajna persunal miż-żewġ Missjonijiet (inklużi dawk fl-uffiċċju lokali f'Agadez, in-Niġer), rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-forzi tas-sigurtà interna. Iltqajna wkoll mad-Delegazzjonijiet rispettivi tal-UE u r-rappreżentazzjonijiet ta' erba' Stati Membri tal-UE[26] kemm fin-Niġer kif ukoll fil-Mali, kif ukoll dawk tal-Istati Uniti, tal-Ġappun u tal-Kanada. Intervistajna organizzazzjonijet u donaturi internazzjonali involuti fis-settur tas-sigurtà, bħall-Missjoni Multidimensjonali Integrata tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabbilizzazzjoni fil-Mali (MINUSMA), il-Missjoni ta' Taħriġ tal-Unjoni Ewropea fil-Mali, CiviPol, Expertise France, Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit (GIZ) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni.

21. Aħna analizzajna dokumenti u wettaqna kontrolli, fuq il-post, ta' 46 kors ta' taħriġ minn total ta' 446 li ngħataw fin-Niġer u ta' 16-il kors ta' taħriġ minn total ta' 135 li ngħataw fil-Mali, ta' 12-il proġett li ġew stabbiliti biex jinxtara tagħmir jew biex jiġu rinnovati l-kmamar tat-taħriġ tal-FSI fin-Niġer u ta' 9 proġetti fil-Mali. Analizzajna wkoll ix-xogħol imwettaq mill-persunal tal-Missjonijiet li jipprovdi servizzi ta' konsulenza fil-pajjiżi ospitanti.

---

[25] Il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja u Franza.

[26] Il-Belġju, il-Ġermanja, Franza u n-Netherlands.

OSSERVAZZJONIJIET

Ir-rispons tal-UE fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-forzi tas-sigurtà ġie affettwat minn ineffiċjenzi operazzjonali

22. Aħna eżaminajna kif il-Kunsill, is-SEAE, il-Kummissjoni u l-persunal fin-Niġer u l-Mali waqqfu, immaniġġjaw u operaw iż-żewġ Missjonijiet. Aħna eżaminajna jekk is-SEAE:

(a) ħax inkunsiderazzjoni t-tagħlimiet meħuda minn missjonijiet tal-PSDK preċedenti;

(b) allokax biżżejjed riżorsi umani u loġistiċi lill-Missjonijiet;

(c) ipprovdiex gwida prattika u taħriġ suffiċjenti lill-persunal tal-Missjoni qabel l-istazzjonar;

(d) segwiex proċeduri amministrattivi adatti;

(e) ippjanax il-Missjonijiet b'mod xieraq.

Is-SEAE għamel użu mit-tagħlimiet meħuda mill-Missjoni EUCAP Sahel Niger meta stabbilixxa l-Missjoni EUCAP Sahel Mali

23. Qabel l-istabbiliment tal-Missjonijiet, is-SEAE u l-Kummissjoni żaru n-Niġer u l-Mali biex jivvalutaw il-ħtiġijiet fir-rigward tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-forzi tas-sigurtà interna. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tan-Niġer bdiet f'Jannar 2012 u sa Marzu 2012 is-SEAE kkompleta proposta dettaljata fil-forma ta' Kunċett ta' Maniġġjar ta' Kriżi. Fl-ewwel 18-il xahar il-Missjoni esperjenzat problemi loġistiċi u operazzjonali, dovuti parzjalment għall-għaġla li biha ġiet stabbilita (ara l-***Kaxxa 2***).

<u>Kaxxa 2</u> - Diffikultajiet legali li l-Missjoni EUCAP Sahel Niger kellha tiffaċċja matul l-ewwel mandat tagħha

1. Il-Missjoni damet 18-il xahar biex saret entità legali, li jfisser li l-Kap tal-Missjoni ffirma d-dokumenti kollha f'ismu u refa' r-responsabbiltà finanzjajra u legali.

2. Il-Missjoni ma kellhiex baġit allokat speċifikament għall-fażi tal-istabbiliment u l-appoġġ amministrattiv u loġistiku minn Brussell kien ftit. Minbarra dan, ma setgħetx tirrekluta persunal ta' sigurtà. Dan wassal biex l-attivitajiet bdew bil-mod, il-kredibbiltà tal-Missjoni ddgħajfet u l-persunal ġie espost għal riskji tas-sigurtà akbar. Matul l-ewwel sitt xhur il-persunal ġie akkomodat f'lukandi u beda jaħdem minn hemm. La kellu kompjuters, u lanqas uffiċċji jew telefowns ċellulari. Fl-ewwel sena finanzjarja, il-kuntratti li jkopru l-akkomodazzjoni u l-ispejjeż operazzjonali ġew iffirmati għal ammont stmat ta' EUR 554 000 mingħajr l-użu ta' proċeduri idonei ta' akkwist[27].

24. Is-SEAE stabbilixxa l-Missjoni EUCAP Sahel fil-Mali bħala entità legali fl-2014[28], u dan ippermetta li l-Missjoni l-ġdida tevita ħafna mill-problemi li l-Missjoni EUCAP Sahel Niger kellha tiffaċċja. Filwaqt li silet mill-esperjenza tiegħu fin-Niġer, is-SEAE żgura li:

- il-persunal irċieva privileġġi mogħtija lid-diplomatiċi hekk kif ġiet stabbilita l-Missjoni, u

- il-Kunsill approva baġit inizjali għall-istabbiliment tal-Missjoni biex jiġi impjegat il-persunal amministrattiv u tas-sigurtà u biex it-tagħmir jinxtara qabel il-bidu tal-operazzjonijiet.

Nuqqas ta' taħriġ u appoġġ qabel l-istazzjonar mill-kwartieri ġenerali tas-SEAE wasslu għal dewmien

25. Aħna sibna li ħafna mill-persunal responsabbli biex jidentifika proġetti u jħejji speċifikazzjonijiet tekniċi ma kienx infurmat biżżejjed dwar il-proċeduri u r-regoli tal-UE

---

[27] L-ammont finali jiddependi fuq l-eżitu tal-proċedura kontradittorja mal-Missjoni EUCAP Sahel Niger. L-ebda waħda mis-snin finanzjarji tal-Missjoni ma ġiet konkluża sad-data tal-awditu.

[28] Fir-Rapport Speċjali Nru 18/2012 dwar il-EULEX fil-Kosovo, il-QEA rrakkomandat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li, l-Missjonijiet futuri tal-PSDK ikollhom personalità legali.

qabel ma wasal għall-Missjonijiet fin-Niġer u l-Mali. Dan wassal għal dewmien fil-proċeduri ta' akkwist u għal kuntratti kkanċellati.

26. Fin-Niġer, pereżempju, dan ma kienx limitat għall-fażi tal-istabbiliment (ara l-***Kaxxa 2***), iżda kompla fis-snin sussegwenti tal-operazzjoni tal-Missjoni. Fil-każ tas-sitt proġetti awditjati, it-tagħmir mixtri wasal wara t-tmiem tal-korsijiet ta' taħriġ li għalihom kien maħsub. F'ħames każijiet oħra, il-persunal li kien iddefinixxa l-ħtiġijiet tat-tagħmir jew li kien fassal l-ispeċifikazzjonijiet għal kuntratt kien diġà telaq meta waslu l-oġġetti. Il-persunal il-ġdid irreklutat kellu jieħu f'idejh il-proġetti u l-proċeduri mingħajr ma kellu t-taħriġ neċessarju, u dan wassal għal dewmien fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Missjoni.

27. B'rikonoxximent tad-dgħufijiet osservati fl-istabbiliment tal-Missjonijiet tal-PSDK, is-SEAE u l-Kummissjoni fit-tweġiba tagħhom għar-rapport tagħna dwar EUPOL Afghanistan iddikjaraw li huma se jiżviluppaw "ċentru għas-servizzi kondiviżi għall-missjonijiet kollha tal-PSDK" u jottimizzaw "l-użu tal-maħżen tal-PSDK għall-maniġġjar tal-assi ta' missjonijiet li għadhom għaddejjin". Dan ma kienx fis-seħħ fi żmien l-awditu tagħna. Madankollu, fit-13 ta' Novembru 2017 il-Kunsill approva l-istabbiliment ta' Pjattaforma ta' Sostenn għall-Missjonijiet imsaħħa li għandha titlesta sa Mejju 2018. Din il-Pjattaforma se tippermetti li l-Missjonijiet ċivili ġodda tal-PSDK ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom "assi skjerabbli rapidament u elementi ta' ppjanar mill-Istati Membri, kif ukoll, fejn ikun maqbul, timijiet speċjalizzati u formazzjonijiet multinazzjonali bħall-Forza tal-Ġendarmerija Ewropea". Is-SEAE qed iħejji wkoll biex jistabbilixxi maħżen ċentrali biex iżomm stokk ċentralizzat ta' oġġetti għal distribuzzjoni rapida u b'hekk jitnaqqas l-għadd ta' proċeduri ta' akkwist imwettqa minn Missjonijiet eżistenti.

Regoli u proċeduri tal-Kummissjoni mhumiex adattati għall-kundizzjonijiet fin-Niġer u fil-Mali

28. Il-Kummissjoni ppermettiet lill-persunal tal-Missjoni fin-Niġer u fil-Mali li japplika proċeduri ta' akkwist flessibbli[29] minħabba l-kuntest diffiċli li fih kellu jopera[30]. Għalkemm dawn il-proċeduri ġew użati, il-persunal tal-Missjonijiet li kien responsabbli għall-akkwist qies li r-regoli tal-FPI ħafna drabi ġew applikati b'mod li ma kienx adatt għall-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-pajjiżi mingħajr kosta tal-Afrika tal-Punent. B'mod partikolari:

- Il-perjodu baġitajru ta' sena għamilha diffiċli li l-kuntratti jitħejjew u jitlestew sal-iskadenzi regolatorji b'kont meħud tal-għadd insuffiċjenti ta' forniturі lokali u taż-żminijiet twal tal-konsenji. Barra minn hekk, ir-rekwiżit (applikat biss mill-2017 'l hawn) li t-tagħmir jingħata lill-benefiċjarju matul is-sena baġitarja kien tefa' pressjoni addizzjonali fuq il-Missjonijiet, speċjalment fin-Niġer, fejn it-tagħmir ħafna drabi jkun destinat għal reġjuni fejn mhux faċli li jiġi organizzat trasport lejn dawk it-territorji.

- Applikazzjoni stretta tar-regoli u tal-proċeduri mill-FPI kienet irriżultat fil-kanċellazzjoni ta' kuntratti minħabba ineżattezzi żgħar fl-ispeċifikazzjonijiet tat-tagħmir, jew infiq baġitarju li jkun kemxejn akbar milli ppjanat.

- Ir-rekwiżit li jiġu raggruppati elementi simili (kemm għall-Missjonijiet kif ukoll għall-benefiċjarji) f'kuntratt uniku kkawża dewmien minħabba nuqqas fil-frekwenza tax-xiri.

- L-obbligu li jintużaw il-kuntratti qafas tal-Kummissjoni wassal għal problemi. F'każ partikolari, il-Missjoni EUCAP Sahel Niger ordnat it-tagħmir iżda l-limitu massimu tax-xiri

---

[29] Meta l-Missjonijiet ikunu awtorizzati jużaw proċeduri flessibbli (jiġifieri proċeduri negozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel skont l-Artikoli 266 (2) u 134 (1) il-punt (c) tal-RAP), ma jibqgħux marbutin skont l-Artikolu 128 (3) il-punt (b) tal-RAP min-neċessità li jinnegozjaw ma' bosta partijiet kontraenti potenzjali, kif meħtieġ mir-regoli komuni tal-Kummissjoni Ewropea (ara l-Artikolu 128 tal-RAP). L-applikazzjoni ta' proċeduri flessibbli tiffaċilita u tħaffef il-proċess tax-xiri. Il-Kummissjoni tippermetti dan f'sitwazzjonijiet ta' kriżi (għal definizzjoni ara l-Artikolu 190(2) tal-RAP) wara li l-adozzjoni ta' dikjarazzjoni ta' kriżi.

[30] B'segwitu għar-Rapport Speċjali tal-QEA dwar il-Kosovo, is-SEAE u l-Kummissjoni impenjaw ruħhom biex "janalizzaw il-proċeduri ta' pprogrammar u ta' akkwist tal-Kummissjoni biex jiżguraw li dawn jirrispondu għall-ħtiġijiet operazzjonali tal-EULEX".

tal-kuntratt qafas kien intlaħaq. B'riżultat ta' dan, il-Missjoni kellha tniedi proċeduri ta' akkwist għal dawn l-oġġetti fil-livell lokali. F'każijiet oħra, il-provvisti ta' tagħmir mixtri taħt il-kuntratt qafas ma setgħux jiġu akkwistati fil-livell lokali.

29. Il-Missjonijiet EUCAP Sahel jirrikjedu l-awtorizzazzjoni preliminari tal-Kummissjoni għal xiri ta' aktar minn EUR 20 000. Dan il-proċess idum aktar milli meta l-Missjonijiet jagħmlu x-xiri direttament. Il-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjoni fir-Rapport Annwali 2013 tal-QEA li jenħtieġ li l-FPI jakkredita l-Missjonijiet ċivili kollha tal-PSDK skont il-"valutazzjoni fuq sitt pilastri"[31]. Dan ifisser li ladarba l-Missjonijiet ikunu saħħew is-sistemi tagħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-assessuri, il-Kapijiet tal-Missjonijiet jirċievu setgħat delegati biex jawtorizzaw ix-xiri, filwaqt li l-Kummissjoni tkompli twettaq kontrolli *a posterori.* Ftit wara ż-żjara tagħna lill-Missjonijiet, it-tnejn li huma bdew għaddejjin mill-proċess ta' valutazzjoni fuq sitt pilastri[32].

Nuqqas ta' gwida mill-kwartieri ġenerali tas-SEAE rriżulta fi proċeduri dgħajfa

30. Aħna eżaminajna l-gwida li l-Missjonijiet kellhom għad-dispożizzjoni u sibna li din ma kinitx adegwata peress li kienet tirrigwarda prinċipalment il-proċeduri amministrattivi[33]. Din ma tantx kienet tinkludi gwida operazzjonali, b'eżempji ta' prattika tajba, jew mudelli standard minn Missjonijiet ċivili tal-PSDK preċedenti, li setgħu jintużaw għat-taħriġ tal-persunal il-ġdid reklutat. Kull Missjoni EUCAP Sahel iddedikat ammont konsiderevoli ta' ħin u

---

[31] Valutazzjoni ta' proċessi ewlenin minn awditur indipendenti (kontroll intern; kontabbiltà; awditjar estern; għotjiet; akkwist pubbliku; strumenti finanzjarji). Il-valutazzjoni ta' dawn il-proċessi għandha l-għan li tipprovdi aċċertament lill-Kummissjoni dwar il-kapaċità tal-Missjonijiet fl-immaniġġjar tal-fondi tal-UE f'isimhom.

[32] Il-Missjoni EUCAP Sahel Mali kkonformat mal-kriterji tal-valutazzjoni fuq sitt pilastri f'Marzu 2018 u l-EUCAP Sahel Niger hija mistennija li tikseb dan l-istatus sa Lulju 2018.

[33] Bi tweġiba għar-Rapport Speċjali tal-QEA dwar il-EUPOL, il-Kummissjoni u s-SEAE qablu li jaħdmu fuq "linji gwida komprensivi dwar kompiti operazzjonali (bħal valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet, ippjanar u monitoraġġ tal-kompiti u rappurtar) u linji gwida f'oqsma amministrattivi (bħat-teknoloġija tal-informazzjoni, l-immaniġġjar tal-finanzi u tal-assi u r-riżorsi umani) filwaqt li jagħmlu użu massimu tat-tagħlimiet misluta minn Missjonijiet preċedenti".

ta' riżorsi fuq id-definizzjoni u l-istabbiliment tal-proċeduri tagħha stess, li fuq il-pjan operazzjonali mhux dejjem kienu effiċjenti.

L-Istati Membri tal-UE ma pprovdewx biżżejjed persunal biex jimtlew il-postijiet disponibbli

31. L-aktar riżorsa importanti tal-Missjonijiet EUCAP Sahel hija l-persunal tagħhom, kemm dak issekondat u mħallas mill-Istati Membri tal-UE kif ukoll dak ikkuntrattat lokalment mill-Missjonijiet u ffinanzjat mill-baġit tal-UE. Il-Missjonijiet esperjenzaw problemi b'mod konsistenti biex jimlew il-postijiet vakanti għal persunal issekondat. Is-SEAE jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jipprovdu l-kandidati għall-issekondar permezz ta' sejħiet għal kontribuzzjonijiet, li l-organizzazzjoni tagħhom tirrikjedi ħafna ħin u flus. Bejn l-2012 u l-2016 għall-Missjoni EUCAP Sahel Niger saru 24 sejħa għal kontribuzzjonijiet u bejn l-2014 u l-2016 għall-Missjoni EUCAP Sahel Mali saru 14. Dawn is-sejħiet għal kontribuzzjonijiet wasslu biex imtlew biss nofs il-postijiet battala ppubblikati għan-Niġer, u żewġ terzi biss għall-Mali (ara t-***Tabelli 2 u 3***). Is-CIVCOM jiddeċiedi liema postijiet jiġu ppubblikati esklussivament għall-persunal issekondat u liema jkunu miftuħin ukoll għall-persunal ikkuntrattat. Dan tal-aħħar jista' biss jiġi reklutat f'postijiet għall-persunal issekondat jekk wara żewġ sejħiet għal kontribuzzjonijiet konsekuttivi ma jkunx hemm kandidati ssekondati li jkunu adatti.

Tabella 2 – Il-Missjoni EUCAP Sahel Niger: riżultati ta' sejħiet għal kontribuzzjonijiet (2012-2016)

EUCAP Sahel Niger	Sejħiet għal Kontribuzzjonijiet Ordinarji		Sejħiet għal Kontribuzzjonijiet Straordinarji	
Għadd totali ta' postijiet ippubblikati	**276**		**59**	
Ippubblikati bħala "Ssekondati"	132	*48 %*	20	*34 %*
Ippubblikati bħala "Ssekondati/Ikkuntrattati"	144	*52 %*	39	*66 %*
Postijiet Mimlija	163	*59 %*	29	*49 %*
Postijiet Mhux mimlija	113	*41 %*	30	*51 %*
Postijiet li għalihom ma waslet l-ebda applikazzjoni	33	*12 %*	9	*15 %*
Postijiet li għalihom waslet applikazzjoni waħda biss	71	*26 %*	9	*15 %*

Sors: il-Missjoni EUCAP Sahel Niger.

<u>Tabella 3</u> – Il-Missjoni EUCAP Sahel Mali: riżultati ta' sejħiet għal kontribuzzjonijiet (2014-2016)

EUCAP Sahel Mali	Sejħiet għal Kontribuzzjonijiet Ordinarji		Sejħiet għal Kontribuzzjonijiet Straordinarji	
Għadd totali ta' postijiet ippubblikati	**198**		**21**	
Ippubblikati bħala "Ssekondati"	127	*64 %*	5	*24 %*
Ippubblikati bħala "Ssekondati/Ikkuntrattati"	71	*36 %*	16	*76 %*
Postijiet Mimlija	139	*70 %*	14	*67 %*
Postijiet Mhux mimlija	59	*30 %*	7	*33 %*
Postijiet li għalihom ma waslet l-ebda applikazzjoni	7	*4 %*	0	*0 %*
Postijiet li għalihom waslet applikazzjoni waħda biss	26	*13 %*	1	*5 %*

Sors: il-Missjoni EUCAP Sahel Mali.

32. Id-diffikultajiet iffaċċjati mill-Missjonijiet fin-Niġer u l-Mali fil-kisba ta' persunal issekondat minn Stati Membri tal-UE huma simili għal dawk iffaċċjati minn Missjonijiet ċivili tal-PSDK preċedenti[34]. Ir-raġunijiet jinkludu l-fatt li l-kwalifiki u l-livell ta' għarfien espert meħtieġa minn dan il-persunal huma għoljin, u jeħtieġ li jkunu kapaċi jaħdmu bil-Franċiż[35]. Il-kandidati potenzjali għandhom jikkunsidraw ukoll il-kundizzjonijiet prekarji tas-sikurezza u tal-għajxien. Fl-aħħar nett, il-ġestjoni tal-persunal tal-Missjonijiet ċivili tal-PSDK mhux dejjem għandha prijorità għolja għall-Istati Membri tal-UE. B'riżultat ta' dan, ir-rata ta' okkupazzjoni tal-postijiet għall-persunal fil-Missjonijiet EUCAP Sahel fin-Niġer u fil-Mali kellha medja ta' 72 % u ta' 77 % rispettivament fil-perjodi rilevanti.

33. It-tul ta' żmien tal-issekondar tal-persunal minn Stati Membri tal-UE bħala medja huwa ta' sentejn iżda għal ċerti Stati Membri tal-UE dan huwa limitat għal sena biss. Għaldaqstant, l-individwi ma għandhomx żmien biżżejjed biex jibnu għarfien suffiċjenti tad-diversi proċeduri u kundizzjonijiet tax-xogħol. Aħna sibna li minbarra l-perjodu qasir tal-issekondar,

---

[34] Ara r-Rapporti Speċjali tal-QEA Nru 18/2012 (il-paragrafu 109) u 7/2015 (il-paragrafu 81).

[35] Fl-2016 is-CIVCOM naqqas il-livell ta' Franċiż meħtieġ għal ċerti postijiet, li rriżulta f'żieda fl-għadd ta' applikazzjonijiet.

ir-rata għolja ta' postijiet vakanti kellha impatt negattiv fuq il-punt sa fejn il-Missjonijiet kienu jwettqu l-attivitajiet tagħhom (ara l-***Kaxxa 3***).

Kaxxa 3 - Postijiet vakanti fil-bidu tal-2017

- Il-Missjoni EUCAP Sahel Niger: fil-bidu tal-2017, il-Missjoni kellha 39 post vakanti (35 %[36]) f'postijiet ewlenin fi ħdan l-unitajiet operazzjonali kif ukoll fi ħdan id-dipartimenti tal-monitoraġġ, tal-evalwazzjoni u tal-akkwist. Postijiet vakanti oħra kienu jinkludu dawk ta' uffiċjali tal-protezzjoni armati, u uffiċjal tal-istampa u tal-informazzjoni pubblika. B'riżultat ta' dan:
  - tnedew inqas proċeduri tal-offerti minn dak li kien ippjanat li jfisser li t-tagħmir biex jitwettqu l-attivitajiet ma kienx disponibbli;
  - ma kienx hemm evalwazzjoni tat-taħriġ jew tal-proġetti;
  - il-Missjoni ma setgħetx tibda timplimenta l-attivitajiet relatati mat-traffikar ta' armi u ta' droga u ma rnexxiliex tagħmel l-attivitajiet sostenibbli.
- Il-Missjoni EUCAP Sahel Mali: fil-bidu tal-2017, il-Missjoni kellha 50 post vakanti (37 %[37]), prinċipalment għal konsulenti u ħarrieġa f'oqsma ewlenin. L-implimentazzjoni ta' ċerti attivitajiet iddewmet, iżda l-Missjoni qassmet mill-ġdid l-ammont ta' xogħol bejn il-persunal eżistenti.

L-inċertezza fir-rigward tat-tul ta' żmien tal-Missjonijiet għamlitha diffiċli li tiġi ppjanata strateġija ta' ħruġ

34. Fuq il-bażi tal-proposta tas-SEAE (ara l-***paragrafu 7***), il-Kunsill stabbilixxa ż-żewġ Missjonijiet fir-reġjun tas-Saħel biex isaħħaħ il-kapaċitajiet tal-forzi responsabbli għas-sigurtà interna. Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill iddefinixxew l-objettivi tax-xogħol tal-Missjonijiet, iżda ma

[36] F'Jannar 2017, 110 postijiet kienu disponibbli għal persunal issekondat u kkuntrattat. Matul l-2017 dan l-ammont żdied.

[37] F'Jannar 2017, 134 post kienu disponibbli għal persunal issekondat u kkuntrattat. Meta mqabbel ma' Diċembru 2016, dan kien ifisser żieda ta' 30 post li rriżultat f'għadd għoli ta' postijiet vakanti.

taw l-ebda indikazzjoni ta' kemm il-Missjonijiet jistgħu jdumu. Attwalment dawn joperaw f'mandati ta' sentejn, li huma rinnovabbli. Is-SEAE huwa meħtieġ jipprepara strateġija ta' ħruġ għal meta l-Istati Membri tal-UE jiddeċiedu li jtemmu l-Missjonijiet. Huwa ddeskriva wkoll l-istat finali tal-Missjonijiet. Madankollu, ma stipulax pjan iddettaljat biex tintlaħaq tranżizzjoni jew strateġija ta' ħruġ.

35. Il-partijiet ikkonċernati[38] li intervistajna kienu tal-opinjoni li l-Missjonijiet se jibqgħu jeżistu għal mill-inqas perjodu medju sabiex jiksbu l-objettivi stabbiliti għalihom. Aktar ċertezza rigward it-tul ta' żmien tal-Missjonijiet tippermetti li dawn itejbu l-mod kif jiġu mmaniġġjati u kif jippjanaw l-operazzjonijiet. Dan jagħmilha aktar faċli li titfassal strateġija ta' ħruġ sinifikattiva.

Il-Missjonijiet EUCAP Sahel saħħew il-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà, iżda r-riżultati ma kinux sostenibbli

36. Aħna eżaminajna kif il-Missjonijiet EUCAP Sahel fin-Niġer u fil-Mali wettqu l-attivitajiet ppjanati, kif kisbu r-riżultati, u kif għamlu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom, u jekk ir-riżultati kinux sostenibbli. Aħna eżaminajna:

(a) jekk il-Missjonijiet kinux saħħew il-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà interna;

(b) jekk ir-riżultati tal-Missjonijiet kinux sostenibbli;

(c) jekk l-indikaturi għall-monitoraġġ tar-riżultati tal-Missjonijiet kinux xierqa;

(d) jekk il-proċeduri ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni fi ħdan il-Missjonijiet kinux iffukati fuq l-impatt;

(e) x'kienet il-perċezzjoni tal-partijiet ikkonċernati l-oħra fiż-żewġ pajjiżi fir-rigward tal-prestazzjoni tal-Missjonijiet.

---

[38] Eż. ministeri nazzjonali fin-Niġer u fil-Mali, ambaxxati ta' xi Stati Membri tal-UE u organizzazzjonijiet ta' donaturi, bħal GIZ, Civipol u Expertise France.

Billi li ħadmu f'kuntest diffiċli, il-Missjonijiet saħħew il-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà, għalkemm dan seħħ bil-mod

37. Il-ħtiġijiet ta' tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi responsabbli għas-sigurtà interna kemm fin-Niġer kif ukoll fil-Mali huma konsiderevoli. Il-Missjonijiet EUCAP Sahel jipprovdu taħriġ, tagħmir, pariri u jeżerċitaw funzjoni ta' koordinazzjoni fuq il-forzi tas-sigurtà interna permezz ta' firxa ta' kompiti u attivitajiet. L-UE tipprovdi wkoll appoġġ lis-settur tas-sigurtà interna permezz ta' strumenti bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika.

38. Il-persunal tal-EUCAP għandu diffikultajiet konsiderevoli minħabba l-fatt li jgħix u jaħdem f'pajjiżi li jinsabu fuq il-fruntieri tad-deżert tas-Saħara fejn l-infrastruttura hija fqira u l-amministrazzjonijiet huma dgħajfa. L-ivvjaġġar huwa kkumplikat u l-persunal irid ikun viġilanti b'mod kostanti kontra t-theddid ta' attakki terroristiċi. Fin-Niġer ċerti reġjuni tal-fruntiera huma wisq insiguri biex wieħed iżurhom, u l-aċċess għaċ-ċentru u t-Tramuntana tal-Mali huwa kompletament ipprojbit.

39. Biex jilħqu l-objettivi tagħhom, il-Missjonijiet iwettqu attivitajiet li fil-biċċa l-kbira tagħhom jinsabu għaddejjin u mġedda minn mandat tal-Kunsill għall-ieħor u minn sena finanzjarja għall-oħra. Aħna qabbilna l-mod li bih il-Missjonijiet wettqu l-attivitajiet ippjanati mar-riżultati rrappurtati u kkonfermati f'intervisti li għamilna fin-Niġer u fil-Mali. Ara l-***Annessi III u IV*** għal dettalji dwar is-sejbiet tagħna. F'ċerti każijiet, il-Missjonijiet għamlu progress tajjeb, bħal fir-rigward tal-forniment ta' taħriġ relatat mal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata fin-Niġer. F'każijiet oħra, il-progress li sar kien ftit jew ma kien hemm l-ebda progress, bħal fil-każ tal-istabbiliment ta' servizzi ta' kontroll intern u ta' awditjar intern fl-FSI fil-Mali.

Korsijiet ta' taħriġ

40. Aħna eżaminajna kampjun tal-korsijiet ta' taħriġ għal kull waħda mill-Missjonijiet. Il-benefiċjarji prinċipali tal-korsijiet kienu l-pulizija, il-ġendermerija u l-gwardja nazzjonali. Il-korsijiet ta' taħriġ koprew oqsma bħat-tekniki ta' arrest, l-immaniġġjar tal-post tar-reat, l-analiżi tal-evidenza forensika, l-investigazzjoni kriminali, il-manutenzjoni tal-vetturi u d-detezzjoni ta' migranti irregolari. Fin-Niġer, il-maġistrati, il-pulizija muniċipali u l-forzi armati

(ara l-***Kaxxa 4***) ukoll attendew korsijiet, pereżempju dawk li jikkonċernaw id-drittijiet tal-bniedem.

Kaxxa 4 - Il-forzi armati fin-Niġer

Minħabba r-rwol ewlieni tal-forzi armati fis-sigurtà interna, notevolment fil-parti tat-Tramuntana tan-Niġer, il-mandat tal-Missjoni EUCAP Sahel Niger ippermetta l-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet rilevanti ta' tisħiħ tal-kapaċità. Il-Missjoni waqfet milli tħarreġ lill-forzi armati Niġerini fl-2016, parzjalment minħabba dubji dwar jekk kinux eliġibbli jew le għall-appoġġ, u parzjalment minħabba d-diffikultajiet biex jimtlew postijiet battala fi ħdan il-Missjoni.

41. Aħna sibna li t-taħriġ ipprovdut indirizza oqsma ewlenin li fihom il-kapaċitajiet tal-forzi tas-sigurtà kienu limitati u li dan kien konformi mal-objettivi tal-Missjonijiet EUCAP Sahel. Madankollu, minħabba proċeduri amministrattivi dgħajfa, il-persunal tal-Missjoni EUCAP Sahel Niger ma setax jipprovdielna d-dokumentazzjoni kollha relatata mal-korsijiet ta' taħriġ li awditjajna fin-Niġer. Għal nofs il-korsijiet ta' taħriġ ma setax jipprovdi l-provi ta' attendenza u l-formoli tal-evalwazzjoni tal-korsijiet ikkompletati mill-parteċipanti. Għalkemm il-maġġoranza tal-korsijiet ta' taħriġ ingħataw f'Niamey, il-ħarrieġa rrappurtaw biss dwar dawk li ngħataw fir-reġjuni. Id-*data* dwar fejn jaħdmu l-parteċipanti ma kinitx kompluta u ma sar l-ebda kontroll mill-Missjoni biex jiġi vverifikat jekk dawn kinux ġew imħarrġa preċedentement. Il-prestazzjoni tal-Missjoni EUCAP Sahel Mali kienet tajba fil-maġġoranza ta' dawn l-aspetti (ara l-***Kaxxa 5***).

Kaxxa 5 - Eżempji ta' prattika tajba tal-Missjoni EUCAP Sahel Mali

- Il-ħarrieġa tal-Missjoni vverifikaw il-kompetenzi tat-trainees proposti mill-FSI għal korsijiet organizzati mill-Missjoni EUCAP Sahel Mali. Il-persunal irreġistra lit-trainees f'bażi tad-*data* u ċċekkja jekk kinux diġà attendew korsijiet simili ta' taħriġ mal-EUCAP jew ma' organizzazzjonijiet oħra, u jekk it-taħriġ propost kienx rilevanti għall-impjieg attwali tagħhom.
- Kemm it-trainees kif ukoll il-ħarrieġa evalwaw il-korsijiet ta' taħriġ imwettqa. It-trainees imbagħad ġew irreġistrati f'bażi tad-*data* organizzata skont il-kors ta' taħriġ, is-sena u l-forza tas-sigurtà.
- Il-persunal tal-EUCAP ħejja rapporti ta' taħriġ dwar kull kors ta' taħriġ mogħti, li jiddeskrivu l-kontenut u l-objettivi tat-taħriġ, it-trainees, il-kompetenzi li kisbu u kwalunkwe tagħlima meħuda. Ir-rapport ġibed l-attenzjoni wkoll għall-kandidati magħżula għal taħriġ ulterjuri bħala ħarrieġa.

Forniment ta’ tagħmir

42. L-ammonti bbaġitjati għax-xiri ta’ tagħmir u ta’ servizzi għall-Missjoni u għall-benefiċjarji kienu ta’ EUR 3.3 miljun għall-Missjoni EUCAP Sahel Niger u ta’ EUR 2.9 miljun għall-Missjoni EUCAP Sahel Mali (ċifri tal-2016/17). Ix-xiri sar biex jgħin l-attivitajiet tal-Missjonijiet, pereżempju, korsijiet ta' taħriġ, u ġie raggruppat fi proġetti. Eżempji jinkludu vetturi, tagħmir ta’ detezzjoni, kompjuters u printers, ġeneraturi, ir-rinnovazzjoni ta’ ċentri ta’ taħriġ u dawk operazzjonali, u l-kostruzzjoni u t-tagħmir ta’ garaxxijiet mobbli. Ara l-***Kaxxa 6*** għal eżempju ta’ proġett utli appoġġat minn taħriġ li, minkejja li kien hemm kumplikazzjonijiet matul l-implimentazzjoni, kien ta’ suċċess.

Kaxxa 6 - Garaxxijiet mobbli għal vetturi tal-forza tas-sigurtà fid-deżert

Il-forzi responsabbli għas-sigurtà interna fin-Niġer ħafna drabi jivvjaġġaw distanzi twal ħafna fuq art imħarbta fid-deżert tas-Saħara. Tnejn mill-proġetti fil-kampjun tagħna kienu jikkonċernaw ix-xiri ta’ garaxxijiet mobbli għall-forzi tas-sigurtà interna li joperaw f’diversi reġjuni. Wieħed minnhom ma setax jiġi konsenjat (f’Tillabéry) minħabba l-fatt li s-sitwazzjoni tas-sigurtà marret għall-agħar. Aħna żorna ieħor f’Agadez. Minkejja problemi inizjali, dan il-garaxx serva tajjeb biex il-vetturi u t-tagħmir setgħu jiġu msewwija fuq il-post.

Permezz tal-Missjoni EUCAP Sahel Niger il-persunal tal-FSI tgħallem ukoll kif jopera l-garaxxijiet. Kors ta' taħriġ bħal dan kien fil-kampjun tagħna.

Garaxx mobbli f'Agadez (gwardja nazzjonali)
Sors: il-QEA.

43. Aħna eżaminajna kampjun ta' proġetti (ara l-***paragrafu 21***) u sibna li huma indirizzaw oqsma ewlenin li fihom il-kapaċitajiet tal-forzi tas-sigurtà kienu limitati u li dawn kienu konformi mal-objettivi tal-Missjonijiet EUCAP Sahel. Parzjalment minħabba d-diffikultajiet irrappurtati fil-***paragrafu 28***, għal 7 mill-21 proġett eżaminati, damu biex jiġu implimentati. Kien hemm ukoll problemi li jaffettwaw is-sostenibbiltà, pereżempju l-fatt li ma saritx manutenzjoni fuq it-tagħmir ipprovdut, ma saritx tiswija meta dan kien bil-ħsara, jew li nxtraw oġġetti konsumabbli sabiex jiġi żgurat li jkun jista' jintuża.

Pariri

44. Wieħed mill-kompiti prinċipali tal-Missjonijiet huwa li jagħtu pariri lill-ministeri u lill-FSI tal-pajjiżi ospitanti. Fin-Niġer, il-Missjoni ħatret konsulenti għall-Ministeri tal-Intern u l-Ġustizzja, ikkomplementati mid-disponibbiltà kostanti tal-persunal tal-Missjoni f'oqsma

oħra. Il-Missjoni EUCAP Sahel Mali pprovdiet konsulenti li kienu integrati fil-ministeri nazzjonali ewlenin u fl-FSI.

45. Objettiv ewlieni taż-żewġ Missjonijiet kien li jħeġġu lill-FSI biex jaħdmu flimkien mill-qrib fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata ("interoperabbiltà"). Fil-Mali, għalkemm it-tliet FSI kienu jiltaqgħu kull ġimgħa, huma ma kinux jippermettu li l-persunal tal-EUCAP ikun preżenti. Dan illimita l-input tal-persunal tal-EUCAP. Fin-Niġer, minkejja l-investiment ta' riżorsi sinifikanti favur it-titjib tal-interoperabbiltà, il-Missjoni ma rnexxiliex twettaq ċerti kompiti bħal pereżempju li tħeġġeġ il-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn il-forzi tas-sigurtà, u eventwalment irrinunzjat li tagħmel dan.

46. Mill-2012 'l hawn, wieħed mill-objettivi primarji tal-Missjoni EUCAP Sahel Niger kien li tassisti lill-awtoritajiet Niġerini fit-tħejjija ta' Strateġija ta' Sigurtà Nazzjonali. Ħames snin wara, l-aktar minħabba li kienet kundizzjoni biex jirċievu l-appoġġ baġitarju[39], l-awtoritajiet Niġerini adottaw Strateġija ta' Sigurtà *Interna* Nazzjonali. Fin-nuqqas ta' strateġija nazzjonali *globali* li tittratta wkoll is-sigurtà esterna (il-kontroll tal-fruntieri, eċċ), l-impatt ta' strateġija ta' sigurtà interna huwa limitat.

47. Il-persunal tal-Missjoni ħadem ħafna wkoll biex jiġbor flimkien lill-forzi tas-sigurtà interna billi jistabbilixxi tmien *centres opérationnels régionaux* (CORs). Dawn huma korpi temporanji maħsuba biex jiġbru flimkien kemm lill-membri tal-gvernijiet reġjonali u lill-forzi tas-sigurtà Niġerini kif ukoll lill-korpi responsabbli għall-protezzjoni ċivili, it-tifi tan-nar, il-protezzjoni ambjentali u d-dwana sabiex jittrattaw il-kriżijiet li jirriżultaw minn attakki terroristiċi, il-kriminalità organizzata u d-diżastri naturali. Il-COR f'Niamey jaħdem tajjeb u jipprovdi eżempju ta' prattika tajba. Madankollu, il-CORs ma għandhomx status li jippermetti li jkollhom persunal assenjat lilhom, jew baġit li jiġi allokat għall-infiq imġarrab matul il-kriżijiet, eż. għax-xiri ta' fjuwil għall-vetturi. Il-Missjoni għenet ukoll biex jissaħħu s-*Centres*

[39] Kuntratt għall-Bini tal-Istat iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp. Il-mira stabbilita sat-30.9.2017 għall-għoti tal-appoġġ baġitarju kienet relatata ma' approvazzjoni ta' digriet relatat mal-istrateġija ta' sigurtà nazzjonali kif ukoll ma' pjan ta' azzjoni mill-Gvern.

Opérationnels de Gendarmerie (COGs)[40] f'Niamey, Agadez u Zinder. La l-CORs u lanqas is-COGs ma kienu qed joperaw kif xieraq fiż-żmien tal-awditu tagħna. Pereżempju, in-netwerk tar-radju ma kienx qed jaħdem – il-ftit komunikazzjoni li kien hemm kienet qed issir permezz ta' telefowns ċellulari.

48. Iż-żewġ Missjonijiet wettqu attivitajiet biex isaħħu l-immaniġġjar tar-riżorsi umani fl-FSI. Pereżempju fin-Niġer, il-GIZ introduċiet sistemi ta' informazzjoni għall-pulizija u l-Missjoni EUCAP Sahel Niger assistiet iż-żewġ forzi l-oħra. Fil-Mali, il-konsulenti tal-Missjoni u tal-Ambaxxata tal-Istati Uniti abbozzaw id-deskrizzjonijiet tal-funzjonijiet. Kompiti oħra rriżultaw li kellhom inqas suċċess. Pereżempju, sa issa l-awtoritajiet nazzjonali rrifjutaw li jinkludu d-*data* dwar it-trasferimenti tal-persunal u l-promozzjonijiet fis-sistemi ta' informazzjoni l-ġodda. Iż-żewġ Missjonijiet ipproponew ukoll li joħolqu dipartimenti ta' taħriġ, jeżaminaw il-kurrikuli tat-taħriġ u jfasslu l-pjanijiet tat-taħriġ annwali fi ħdan l-FSI. Dan ħadem sew fil-Mali. Fin-Niġer il-progress kien limitat, għalkemm fl-2017 il-forza tal-pulizija fasslet l-ewwel pjan tat-taħriġ tagħha.

Iż-żewġ Missjonijiet indirizzaw is-sostenibbiltà, iżda bi ftit suċċess

49. Peress li ż-żewġ Missjonijiet EUCAP Sahel jipprovdu appoġġ lin-Niġer u lill-Mali għal żmien limitat biss, l-indirizzar ta' kif l-attivitajiet tagħhom jistgħu jsiru sostenibbli huwa ta' importanza ewlenija[41]. Iż-żewġ Missjonijiet għamlu dan billi taw korsijiet dwar kif jiġi mħarreġ il-persunal l-ieħor, billi għenu jfasslu pjanijiet tat-taħriġ u jfasslu korsijiet ta' taħriġ, introduċew sistemi ta' mmaniġġjar tar-riżorsi umani, ħolqu deskrizzjonijiet tal-funzjonijiet u ħeġġu l-FSI biex jaħdmu flimkien b'mod strutturat. Fin-Niġer, il-Missjoni ppjanat ukoll li tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali biex iħejju Strateġija ta' Sigurtà Nazzjonali, tagħti pariri lill-persunal tal-FSI fl-attivitajiet ta' Mentoraġġ, Monitoraġġ u Konsulenza (MMA) u tipprovdi garaxxijiet mobbli lill-forzi kif ukoll taħriġ dwar kif jużawhom. Għalkemm is-SEAE rrapporta

---

[40] Is-COGs huma korpi permanenti stabbiliti biex jissorveljaw dak li qed jiġri fir-reġjun, jipprovdu riżorsi lill-pattulji, jiġbru informazzjoni, jinnotifikawha lill-awtoritajiet rilevanti u jirreaġixxu f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

[41] Wieħed mill-ħames objettivi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill kien jirrikjedi b'mod espliċitu li l-Missjoni fin-Niġer twettaq attivitajiet biex tiżgura s-sostenibbiltà tal-azzjonijiet tagħha.

kisbiet f'dawn l-oqsma[42], aħna sibna li l-Missjonijiet ma rnexxilhomx jagħmlu l-attivitajiet tagħhom sostenibbli.

50. Iż-żewġ Missjonijiet organizzaw korsijiet tat-tip ħarreġ lil min iħarreġ għall-forzi tas-sigurtà. Fin-Niġer, f'erba' snin, il-Missjoni stabbiliet grupp ta' ħarrieġa Niġerini fl-FSI kollha. Madankollu, anki jekk il-persunal tal-FSI kien beda jipprovdi t-taħriġ huwa stess, il-persunal tal-Missjoni kompla jagħmel dan ukoll. Mill-2014, il-Missjoni ffukat fuq l-MMA, bl-għan li titnaqqas id-dipendenza tal-FSI fuq il-ħarrieġa tal-EUCAP. L-idea kienet li l-Missjoni tiġi assenjata mentor biex isegwi u jappoġġa lill-ħarrieġa tal-FSI li huwa jkun ħarreġ. Madankollu, dan ma ħadimx sew fil-prattika: l-esperti tal-Missjoni pprovdew pariri fuq talba, iżda ma kellhom l-ebda proċedura li permezz tagħha setgħu jsegwu jew jipprovdu appoġġ sistematiku lill-ħarrieġa individwali. L-evidenza li rajna kienet turi li 20 individwu biss kienu bbenefikaw minn dawn il-pariri matul il-perjodu ta' tliet snin sa Marzu 2017. Fl-ebda pajjiż l-FSI ma kienu awtonomi f'xi qasam ta' taħriġ.

51. Ir-rata ta' progress tal-attivitajiet li jippromwovu s-sostenibbiltà ħafna drabi kienet tiddependi fuq il-punt sa fejn l-awtoritajiet fil-pajjiżi ospitanti jkunu qablu li dawn kienu ta' prijorità. Pereżempju, l-awtoritajiet nazzjonali fin-Niġer u fil-Mali ma taw l-ebda rikonoxximent uffiċjali jew kumpens finanzjarju lill-persunal tal-FSI li saru ħarrieġa. Dan ifisser li ftit kien hemm inċentiv biex il-persunal imħarreġ mill-EUCAP iħarreġ persunal ieħor minħabba l-fatt li seta' jaqla' aktar billi jaħdem f'unità operazzjonali. Iż-żewġ Missjonijiet għenu fl-abbozzar ta' leġiżlazzjoni biex il-ħarrieġa jingħataw status separat, iżda l-ebda pajjiż ospitanti ma kien adotattaha fiż-żmien tal-awditu.

52. In-nuqqas li tiġi żgurata s-sostenibbiltà ta' ħafna attivitajiet kien parzjalment dovut għan-nuqqas ta' sjieda mill-awtoritajiet nazzjonali u l-FSI. Minkejja l-fehma pożittiva tagħhom dwar il-EUCAP, il-gvernijiet Niġerini u Maljani mhux dejjem kienu lesti li jadottaw leġiżlazzjoni xierqa u jadottaw uħud mir-riformi meħtieġa biex jiġu sostnuti r-riżultati tat-tisħiħ tal-kapaċità. Is-sitwazzjoni fil-Mali iggravat minħabba n-nuqqas ta' stabbiltà politika u

[42] Ir-Rapport Annwali 2016 tal-PSDK, p. 17.

nuqqasijiet organizzazzjonali fil-livell tal-gvern. Dan xekkel l-isforzi tal-Missjonijiet biex jagħmlu r-riżultati tal-attivitajiet tagħhom sostenibbli.

53. Il-Missjonijiet kienu responsabbli wkoll għall-prestazzjoni dgħajfa tagħhom stess fl-iżgurar tas-sostenibbiltà. Pereżempju, l-ebda Missjoni ma vverifikat is-suċċess tal-appoġġ ipprovdut permezz ta' kontroll *ex post* fuq l-użu li sar mill-għarfien miksub fil-korsijiet ta' taħriġ jew fuq it-tagħmir riċevut (għal eżempju ara l-***Kaxxa 7***). Matul il-perjodu awditjat, il-Missjonijiet ma ġabrux informazzjoni dwar jekk wara l-korsijiet il-persunal tal-FSI kompliex jaħdem fil-qasam li għalih kien ġie mħarreġ jew ma vvalutawx jekk it-trainees kinux fehmu u bdewx japplikaw l-għarfien miksub matul it-taħriġ. Dan kien il-każ għat-tipi kollha ta' parteċipanti, inklużi dawk imħarrġa biex ikunu ħarrieġa. Fl-aħħar tal-2017, il-Missjoni fil-Mali għamlet l-ewwel pass billi kitbet lill-FSI Maljani biex tipproponi segwitu fuq il-korsijiet ta' taħriġ mogħtija mill-EUCAP biex tivvaluta l-impatt tagħhom u tislet tagħlimiet għall-korsijiet ta' taħriġ futuri.

54. Wara li ħolqu l-CORs, il-Missjonijiet kellhom l-għan li jagħmluhom sostenibbli. Madankollu, huma ma rnexxilhomx minħabba n-nuqqas ta' strateġija ta' sigurtà nazzjonali, u r-rotazzjoni għolja ta' persunal fi ħdan l-FSI u fi ħdan il-Missjoni. Pereżempju, huma la wettqu l-korsijiet maħsuba biex jgħallmu lill-persunal tal-FSI biex iħarreġ lill-oħrajn u lanqas ħolqu ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni biex jintegraw il-CORs kollha jew fasslu pjanijiet nazzjonali ta' emerġenza u ta' intervenzjoni.

<u>Kaxxa 7</u> – *Centre opérationnel régional* (COR) f'Agadez

Aħna żorna l-COR f'Agadez. Il-Missjoni EUCAP Sahel Niger kienet forniet tagħmir lil dan il-COR, iżda aħna osservajna li dan iċ-ċentru ma kienx operazzjonali għax it-tagħmir ma kienx fil-post:

- Fil-kamra tal-COR ma kienx hemm siġġijiet, nofs l-imwejjed kienu neqsin u l-arja kundizzjonata ma kinitx qed taħdem.
- Il-benefiċjarji ma setgħux juruna l-kompjuters ipprovduti, il-printer ma kienx qed jaħdem għax ma kienx hemm toner u t-tagħmir installat għall-komunikazzjoni bir-radju ma kienx qed jaħdem.
- Iż-żewġ vetturi li kellhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-COR, biex ikun jista' jirreaġixxi malajr għall-emerġenzi, bilkemm kienu ntużaw u waħda minnhom kellha ħsarat li ma setgħux jissewwew, u kienet ilha hekk mill-2014.

Is-SEAE ma stabbiliex indikaturi xierqa għall-monitoraġġ tar-riżultati tal-Missjonijiet

55. Aħna eżaminajna r-rapporti li, kull sitt xhur il-Missjonijiet jibagħtu lis-SEAE, li jirreġistraw il-progress li sar biex jiġu kkompletati l-kompiti u jinkisbu l-objettivi fir-rigward tal-indikaturi stabbiliti fl-OPLANs. Ħafna mill-"indikaturi" deċiżi għall-Missjoni EUCAP Sahel Niger sempliċiment elenkaw l-attivitajiet stabbiliti għal kull kompitu u b'hekk ma rrispettawx l-indikaturi RACER[43] u ma kinux bażi xierqa għall-kejl tal-progress. L-unika eċċezzjoni għal dan tikkonċerna l-indikaturi għall-ħames objettiv li huwa relatat mal-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, li ġie miżjud mal-mandat tal-Missjoni fl-2015. Dawn kienu aħjar għax kienu jiddefinixxu l-outputs ta' mira għal kull kompitu. L-indikaturi stabbiliti għall-Missjoni EUCAP Sahel Mali wkoll speċifikaw l-outputs mistennija. Madankollu, ma kinux robusti biżżejjed biex jintużaw biex ikejlu l-progress minħabba li ma kien hemm l-ebda mira kwantifikata stabbilita[44].

[43] Rilevanti, Aċċettati, Kredibbli, Faċli u Robusti.

[44] Pereżempju: "laqgħat (mingħajr ma jiġi ddikjarat l-għadd ta' laqgħat meħtieġa)", "estensjoni ta'...", "titjib ta'...", "il-modalitajiet ġew maqbula", "skambju u distribuzzjoni ta' informazzjoni...", "il-kapaċità hija msaħħa", "mekkaniżmi ta' koordinazzjoni jinsabu fis-seħħ...", "aġġornament regolari...", eċċ.

56. L-ebda wieħed mill-indikaturi użati fil-Missjonijiet EUCAP Sahel ma semma r-rilevanza tal-kompiti għat-twettiq tal-objettivi[45]. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda indikatur li fuqu tista' tiġi bbażata valutazzjoni tal-eżiti jew l-impatt tal-kompiti.

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Missjonijiet ma kinux adegwati u ma ffukawx fuq l-impatt

57. Il-Missjoni EUCAP Sahel Niger ma kellhiex proċeduri fis-seħħ biex tiddokumenta u timmonitorja sistematikament l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħha. Kien biss matul l-2017, filwaqt li kien għaddej l-awditu, li l-Missjoni fin-Niġer ħadet il-passi biex tissimplifika l-MIP sabiex tiffaċilita l-monitoraġġ tal-progress kumplessiv. Hija żviluppat skedi ta' proġetti u ppjanat li żżomm reġistri sistematiċi tat-trainees li kienu diġà attendew il-korsijiet, kif ukoll li tagħmel monitoraġġ tal-listi tal-preżenza u tiġbor u tivvaluta l-evalwazzjonijiet tal-korsijiet tal-parteċipanti. Il-Missjoni EUCAP Sahel Mali ħolqot proċeduri xierqa għad-dokumentazzjoni u l-monitoraġġ ta' attivitajiet u ta' outputs matul l-ewwel mandat tagħha.

58. Is-SEAE tirrikjedi li l-Missjonijiet jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

- rapporti ta' kull ġimgħa u ta' kull xahar b'informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, ir-riżorsi umani u l-avvenimenti ġenerali li jkunu ġraw;

- rapporti ta' kull sitt xhur biex jitqabbel il-progress li sar fil-kompiti mal-linja bażi stabbilita fl-OPLAN kif ukoll mal-progress irrappurtat fir-rapporti preċedenti ta' kull sitt xhur;

- madwar sitt xhur qabel it-tmiem ta' kull mandat, jipprovdu analiżijiet strateġiċi tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-pajjiż, l-involviment tal-UE u ta' partijiet ikkonċernati oħra, ir-riżultati tal-Missjonijiet u l-approċċ futur tagħhom;

- rapporti speċjali dwar suġġetti speċifiċi.

---

[45] Fir-Rapport Speċjali tagħha dwar il-EULEX ippubblikat fl-2012, il-QEA rrakkomandat li l-objettivi tal-Missjonijiet jiġu "marbuta ma' punti ta' riferiment konkreti li abbażi tagħhom ikun jista' jiġi vvalutat il-progress u jikkunsidraw l-objettivi tas-sigurtà interna tal-UE".

59. Aħna analizzajna dawn id-dokumenti u osservajna li:

- ir-rappurtar fuq l-outputs mhuwiex marbut b'mod ċar ma' indikaturi u ma' punti ta' riferiment stabbiliti minn qabel, u

- is-SEAE u l-Missjonijiet ma vvalutawx sistematikament l-impatt tal-attivitajiet tal-Missjonijiet.

60. L-ebda Missjoni ma operat sistemi tajbin għall-evalwazzjoni tal-attivitajiet matul il-perjodu awditjat. Matul it-tieni mandat tagħha, il-Missjoni fil-Mali żviluppat sistema ta' evalwazzjoni li tiffoka aktar fuq l-outputs, l-eżiti, l-impatt, is-sostenibbiltà u l-effiċjenza. Peress li din is-sistema ġiet implimentata reċentement, kien għadu kmieni wisq biex jiġu vvalutati r-riżultati tagħha. Il-Missjoni fin-Niġer irreklutat persunal biex jibda fuq xogħol ta' evalwazzjoni f'Mejju 2017. Barra minn hekk, l-ebda waħda mill-Missjonijiet EUCAP Sahel ma kienet soġġetta għal evalwazzjoni esterna indipendenti.

Il-partijiet ikkonċernati u l-benefiċjarji kellhom fehma pożittiva tal-attivitajiet tal-Missjoni u tar-rwol ta' koordinazzjoni tagħhom

61. Aħna intervistajna l-benefiċjarji tat-taħriġ, tal-pariri u tat-tagħmir tal-Missjonijiet EUCAP Sahel, kif ukoll diversi partijiet ikkonċernati fil-qasam tas-sigurtà interna fin-Niġer u fil-Mali. Il-valutazzjoni kumplessiva tal-attivitajiet imwettqa mill-Missjonijiet EUCAP Sahel kienet pożittiva. Il-partijiet ikkonċernati u l-benefiċjarji apprezzaw id-disponibbiltà tal-persunal tal-Missjonijiet biex jagħti pariri jew jipprovdi servizzi li ma kinux disponibbli minn sorsi nazzjonali. Fin-Niġer, il-forzi tas-sigurtà u r-rappreżentanti tal-gvern enfasizzaw il-valur tal-preżenza fuq terminu itwal tal-Missjonijiet EUCAP Sahel meta mqabbla ma' dik ta' ħafna donaturi oħra. Iż-żewġ Missjonijiet ipprovdew ukoll informazzjoni u pariri relatati mal-appoġġ li jingħata minn strumenti oħra tal-UE u l-attivitajiet usa' tal-UE u l-Istati Membri tagħha. Pereżempju, il-Missjonijiet ikkontribwew għat-tfassil tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għal proġetti fl-Afrika, ġabru informazzjoni dwar flussi migratorji, u mmappjaw l-attivitajiet tal-UE marbuta mal-migrazzjoni.

62. Id-donaturi u l-partijiet ikkonċernati l-oħra fin-Niġer u fil-Mali enfasizzaw ir-rwol importanti li għandhom iż-żewġ Missjonijiet EUCAP Sahel fil-koordinazzjoni tal-attivitajiet fis-

settur tas-sigurtà. Iż-żewġ Missjonijiet stabbilew korpi biex itejbu l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, li inizjalment esperjenzaw problemi iżda b'mod ġenerali kienu ta' suċċess. Huma stabbilew ukoll mekkaniżmi għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni ma' donaturi u partijiet ikkonċernati oħra. Fil-Mali, dan inkluda mmappjar formali tad-donaturi, li jagħti d-dettalji kollha tal-proġetti proposti (iżda li għadhom mhux iffinanzjati), ippjanati, li jinsabu għaddejjin u kkompletati fis-settur tas-sigurtà fil-Mali.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

63. Il-Kunsill ħoloq il-Missjoni EUCAP Sahel Niger u l-Missjoni EUCAP Sahel Mali biex jindirizza l-kapaċità dgħajfa tal-forzi responsabbli għas-sigurtà interna. Filwaqt li ħadmu f'kuntest diffikultuż, iż-żewġ Missjonijiet ikkontribwew għat-tisħiħ tal-kapaċità, iżda kull waħda ltaqgħet ma' diffikultajiet, li naqqsu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-operazzjonijiet tagħhom.

64. Fiż-żewġ pajjiżi, il-persunal tal-Missjonijiet ma kellux aċċess għal gwida u għal taħriġ operazzjonali adegwati. Kull Missjoni EUCAP Sahel iddedikat ammont konsiderevoli ta' ħin u ta' riżorsi fuq l-istabbiliment tas-sistemi u tal-proċeduri tagħha stess, li ħafna drabi ma kinux adattati għall-kundizzjonijiet lokali. Is-SEAE u l-Kummissjoni, responsabbli għall-immaniġġjar tal-Missjonijiet ċivili tal-PSDK, ma pprovdewx biżżejjed appoġġ u f'xi każijiet applikaw proċeduri li ma kinux adatti għall-kundizzjonijiet tax-xogħol fuq il-post (ara l-***paragrafi 25 sa 30***).

Rakkomandazzjoni 1 – Jittieħdu miżuri biex tittejjeb l-effiċjenza operazzjonali tal-Missjonijiet
Jenħtieġ li s-SEAE: - jipprovdi lill-Missjonijiet bi gwida prattika dwar il-proċeduri operazzjonali, b'mudelli standard li jistgħu jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi lokali, b'eżempji tal-aħjar prattika minn Missjonijiet u taħriġ preċedenti; Jenħtieġ li l-Kummissjoni: - tagħmel tranżizzjoni lejn id-delegazzjoni tas-setgħat fir-rigward ta' awtorizzazzjoni ta' xiri lill-Kap tal-Missjoni, soġġett għal kontrolli *ex post* mill-Kummissjoni;

Jenħtieġ li s-SEAE u l-Kummissjoni:

- itejbu l-appoġġ lill-Missjonijiet billi jipprovdu tagħmir mill-maħżen komuni u jespandu r-rwol tal-Pjattaforma ta' Sostenn għall-Missjonijiet.

Data Mmirata: Tmiem l-2018.

65. L-aktar riżorsa importanti tal-Missjonijiet hija l-persunal tagħhom, iżda bħala medja tliet kwarti tal-postijiet biss kienu okkupati. Il-proċeduri ta' reklutaġġ kienu jieħdu l-ħin u ħafna drabi ma kinux ikunu ta' suċċess. Il-postijiet li kienu l-aktar diffiċli biex jimtlew kienu dawk riżervati għal persunal issekondat minn Stati Membri tal-UE (ara l-***paragrafi 31 sa 33***).

Rakkomandazzjoni 2 – Titjieb ir-rata ta' okkupanza tal-postijiet għall-persunal fil-Missjonijiet

Jenħtieġ li s-SEAE jsib soluzzjonijiet li jippermettu li l-postijiet vakanti tal-Missjoni jimtlew malajr u b'mod effiċjenti, pereżempju billi jipproponi perjodi ta' ssekondar li jkunu itwal għall-persunal tal-Istati Membri tal-UE fi ħdan il-Missjonijiet, filwaqt li juża aktar il-persunal ikkuntrattat u jħejji sejħiet għal kontribuzzjonijiet ġenerali li jistgħu jintużaw biex jitħejjew il-listi ta' riserva ta' persunal potenzjali biex jitħaffef l-assenjar meta jkun hemm postijiet vakanti.

Data Mmirata: Tmiem l-2018.

66. Il-mandati ta' sentejn tal-Missjonijiet iħeġġu l-ippjanar fuq terminu qasir u l-baġits annwali ħafna drabi jikkontribwixxu sabiex iċ-ċiklu ta' akkwist ta' tagħmir u ta' servizzi jitqassar sa tali punt li ma jkunx maniġġabbli. Partijiet ikkonċernati oħra fis-Saħel u l-benefiċjarji tal-appoġġ iqisu li l-ambitu tal-kompiti fin-Niġer u fil-Mali jfisser li l-Missjonijiet huma meħtieġa għat-terminu medju sa dak twil. Fl-istess waqt, anki jekk il-Missjonijiet mhumiex intiżi sabiex isiru korpi permanenti fil-pajjiżi ospitanti, is-SEAE ma ppreveda l-ebda strateġija ta' ħruġ ċara (ara l-***paragrafi 34 u 35***).

Rakkomandazzjoni 3 – Jiġu stabbiliti mandati u baġits li jaqblu mal-operazzjonijiet u li jipprevedu għal strateġija ta' ħruġ
Jenħtieġ li s-SEAE jipproponi mandati għall-Missjonijiet li jippermettulhom jilħqu l-objettivi tagħhom, u jiddefinixxu pjan aktar ċar lejn strateġija ta' ħruġ. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi perjodi baġitarji li jaqblu man-neċessitajiet operazzjonali. Data Mmirata: Tmiem l-2019.

67. Il-Missjonijiet EUCAP Sahel saħħew il-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà interna permezz tal-korsijiet ta' taħriġ, it-tagħmir u l-pariri li pprovdew. Iż-żewġ Missjonijiet ħadmu biex jagħmlu l-attivitajiet tagħhom sostenibbli, iżda ma tantx kellhom suċċess. Dan kien parzjalment dovut għan-nuqqas ta' sjieda jew rieda politika fil-pajjiżi ospitanti, u parzjalment għaliex il-Missjonijiet ma ddedikawx riżorsi adegwati biex jiżguraw is-sostenibbiltà u jagħtu segwitu għall-applikazzjoni prattika u l-użu tat-taħriġ mogħti u t-tagħmir fornut (ara l-***paragrafi 37 sa 54***).

Rakkomandazzjoni 4 – Jiżdied il-fokus fuq is-sostenibbiltà
Jenħtieġ li l-Missjonijiet jiffukaw ir-riżorsi biex l-attivitajiet isiru sostenibbli, billi jirtiraw, kif ikun xieraq, minn attivitajiet ta' suċċess hekk kif ikun fattibbli biex jinkoraġġixxu l-awtonomija fl-FSI u jevitaw dipendenza żejda, u minflok jiffukaw fuq il-provvediment ta' appoġġ u sostenn, u billi jagħtu segwitu għall-użu li jsir mit-taħriġ mogħti u t-tagħmir pprovdut. Data Mmirata: Tmiem l-2018.

68. Fl-ilħuq tal-objettivi tagħhom il-Missjonijiet għamlu biss progress limitat li miexi bil-mod. Madankollu, l-indikaturi definiti għall-kejl tal-progress tal-Missjonijiet ma kinux adegwati. Ħafna mill-indikaturi mfassla għan-Niġer ma setgħux jintużaw biex jitkejjel il-progress minħabba li kienu jelenkaw biss l-attivitajiet stabbiliti għall-kompiti. L-indikaturi għall-Mali kienu aħjar, iżda ma kinux jinkludu miri kwantifikati. L-indikaturi ma pprovdewx bażi tajba

għall-kejl tal-effettività tal-kompiti jew tal-kontribuzzjoni li saret biex jinkisbu l-objettivi (ara l-***paragrafi 55 u 56***).

69. Matul il-perjodu awditjat, l-ebda Missjoni ma operat sistemi tajbin għall-evalwazzjoni tal-attivitajiet jew ġiet suġġetta għal evalwazzjoni esterna indipendenti (ara l-***paragrafi 57 sa 60***).

Rakkomandazzjoni 5 – Jitjiebu l-indikaturi, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni
Jenħtieġ li s-SEAE: - jistabbilixxi indikaturi RACER (Rilevanti, Aċċettati, Kredibbli, Faċli u Robusti) li jiffukaw fuq l-outputs kwantifikati u fuq l-eżiti tal-attivitajiet tal-Missjonijiet u li huma marbuta mar-rilevanza tal-mandati tal-Missjonijiet; - jistabbilixxi punti ta' riferiment immirati li jistgħu jiġu stabbiliti biex juru l-progress li sar biex jinkisbu l-objettivi; - jipprovdi gwida u taħriġ lill-Missjonijiet dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni; - iwettaq evalwazzjonijiet esterni tal-Missjonijiet u valutazzjonijiet aktar komprensivi tal-impatt tagħhom. Data Mmirata: Tmiem l-2018.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sur Karel PINXTEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tal-24 ta' April 2018.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE

President

ANNESS I

Missjonijiet u Operazzjonijiet tal-PSDK li jinsabu għaddejjin

L-UNJONI EWROPEA
MISSJONIJIET U OPERAZZJONIJIET 2017 TAL-PSDK



Sors: is-SEAE.

ANNESS II

Siltiet mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2016/1172 (in-Niġer) u 2017/50 (il-Mali)

	Il-Missjoni EUCAP Sahel Niger	**Il-Missjoni EUCAP Sahel Mali**
Mandat	Sabiex tappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċità tal-atturi tas-sigurtà Niġerini biex jiġġieldu kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata.	Sabiex twettaq Missjoni ċivili fil-Mali b'appoġġ għall-forzi tas-sigurtà interna Maljani (FSI) (il-pulizija, il-ġendarmerija, il-gwardja nazzjonali).
Għan	-tagħmilha possibbli għall-awtoritajiet tan-Niġer li jiddefinixxu u jimplimentaw l-Istrateġija tas-Sigurtà Nazzjonali tagħhom stess; -tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' approċċ integrat, multidixxiplinari, koerenti, sostenibbli u li jkun ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fost l-atturi varji tas-sigurtà tan-Niġer fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata; -barra minn hekk, għandha tgħin lill-awtoritajiet ċentrali u lokali u lill-forzi tas-sigurtà tan-Niġer jiżviluppaw politiki, tekniki u proċeduri sabiex jikkontrollaw aħjar u jiġġieldu kontra l-migrazzjoni irregolari.	- l-awtoritajiet Maljani jkunu jistgħu jerġgħu jistabbilixxu u jżommu l-ordni kostituzzjonali u demokratiku u l-kundizzjonijiet għal paċi dejjiema fil-Mali; -terġa' tistabbilixxi u żżomm l-awtorità u l-leġittimità tal-Istat fuq it-territorju kollu tal-Mali permezz tal-instawrazzjoni mill-ġdid effikaċi tal-amministrazzjoni tiegħu.
L-aktar objettivi Reċenti	Sabiex twettaq l-objettivi stipulati fl-Artikolu 2, il-Missjoni EUCAP Sahel Niger għandha: (a) issaħħaħ il-kmand u l-kontroll, l-interoperabbiltà u l-kapaċità tal-ippjanar Niġerini fil-livell strateġiku, filwaqt li tappoġġa l-iżvilupp ta' Strateġija tas-Sigurtà Nazzjonali u strateġiji marbuta magħha għall-ġestjoni tal-fruntieri f'koordinament ma' atturi oħrajn rilevanti; (b) issaħħaħ il-ħiliet tekniċi tal-forzi tas-sigurtà rilevanti li huma meħtieġa fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata; (c) permezz ta' kuntatti fuq livell kemm strateġiku kif ukoll operattiv, tħeġġeġ lill-forzi tas-sigurtà interna, u fejn ikun il-każ, il-forzi armati, biex isaħħu r-riżorsi umani, il-loġistika u l-politiki ta' taħriġ marbuta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-migrazzjoni irregolari u l-kriminalità organizzata biex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-azzjonijiet tal-Missjoni EUCAP Sahel Niger, fosthom bl-għoti ta' appoġġ tekniku permezz tal-proġetti; (d) issaħħaħ il-koordinament, fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-kriminalità organizzata, u tesplora l-possibbiltà ta' kontribuzzjoni, skont kif ikun meħtieġ, għall-kooperazzjoni reġjonali, bħall-G5 Sahel; (e) b'appoġġ għall-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni, tgħin lill-awtoritajiet ċentrali u lokali u lill-forzi tas-sigurtà tan-Niġer biex jiżviluppaw politiki, proċeduri u tekniki biex jikkontrollaw u jimmaniġġaw aħjar il-flussi migratorji, biex jiġġieldu kontra l-migrazzjoni irregolari u biex inaqqsu l-livell tal-kriminalità assoċjata.	Il-Missjoni EUCAP Sahel Mali għandha tassisti u tforni konsulenza lill-forzi tas-sigurtà interni fl-implimentazzjoni tar-riforma ta' sigurtà stabbilita mill-Gvern il-ġdid, bil-ħsieb li: (a) titjieb l-effikaċja operazzjonali tagħhom; (b) jiġu stabbiliti mill-ġdid il-linji ġerarkiċi rispettivi tagħhom; (c) jissaħħaħ ir-rwol tal-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi fir-rigward tat-tmexxija u s-superviżjoni tal-missjonijiet tagħhom; (d) tiġi faċilitata l-instawrazzjoni mill-ġdid tagħhom fit-tramuntana tal-pajjiż.

ANNESS III

Deskrizzjoni qasira mill-QEA dwar il-progress li sar mill-Missjoni EUCAP Sahel Niger fit-twettiq tal-kompiti

Kompiti	Progress
Objettiv 1: Interoperabbiltà	
1.1 Appoġġ għall-Istrateġija tas-Sigurtà Nazzjonali	
1.3 Skambju ta' informazzjoni bejn l-FSI	
1.2, 1.3, 1.4, 1.5 Appoġġ lill-CORs (postijiet antiki ta' kmand konġunti)	
1.6 Appoġġ lis-COGs	
Objettiv 2: Kompetenzi tekniċi	
2.1, 2.2, 2.3, 2.4 Konsulenza u taħriġ dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata	
2.5 Taħriġ lill-ħarrieġa fil-forzi tas-sigurtà	
2.6 Appoġġ favur rabtiet aktar mill-qrib bejn il-pulizija u l-maġistrati f'inkjesti kriminali	
2.7 Titjib tal-bażi tad-*data* tal-forzi tas-sigurtà	
2.8 Taħriġ dwar il-proċeduri legali u penali u d-drittijiet tal-bniedem għal uffiċjali fil-forzi armati	
2.9 Sensibilizzazzjoni tal-FSI dwar il-prinċipji tal-liġi, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi	
2.10 L-FSI u s-soċjetà ċivili jitlaqqgħu flimkien fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ugwaljanza bejn is-sessi	
Objettiv 3: Sostenibbiltà	
3.1, 3.8, 3.9 Appoġġ lill-FSI: tagħmir u infrastruttura, kif ukoll pariri u taħriġ dwar il-kondiviżjoni u l-manutenzjoni tagħhom	
3.2 Ħidma mal-Missjoni EUCAP Sahel Mali dwar l-iżvilupp tal-immaniġġjar tar-riżorsi umani fl-FSI	
3.3 Evalwazzjoni operazzjonali tal-attivitajiet tal-EUCAP mal-FSI	
3.4, 3.5 Appoġġ għall-iżvilupp tal-immaniġġjar tar-riżorsi umani fi ħdan l-FSI	
3.6 L-istabbiliment ta' direttorati u pjanijiet ta' taħriġ fi ħdan l-FSI	
3.7 Integrazzjoni tal-manwali tat-taħriġ fil-kurrikula nazzjonali; taħriġ, pariri u mentoraġġ għall-ħarrieġa	
Objettiv 4: Koordinazzjoni Internazzjonali	
4.1, 4.6 Immaniġġjar tal-kooperazzjoni internazzjonali min-Niġer	
4.3, 4.4, 4.5, 4.7 Koordinazzjoni bejn id-donaturi fin-Niġer	
4.8 Appoġġ għall-parteċipazzjoni Niġerina f'inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali	
4.2, 4.9, 4.10 Żvilupp tad-dimensjoni reġjonali tal-azzjonijiet tal-EUCAP	
Objettiv 5: Migrazzjoni	
5.1 Appoġġ għall-Istrateġija Nazzjonali għall-Kontroll tat-Territorju	
5.2, 5.11 Immappjar tal-partijiet ikkonċernati, ġbir ta' *data* dwar il-flussi migratorji, definizzjoni tal-ħtiġijiet	
5.3 Aċċettazzjoni ta' liġi ġdida dwar il-migrazzjoni illegali, taħriġ fil-migrazzjoni illegali għall-FSI	
5.4 Sensibilizzazzjoni tal-popolazzjoni dwar il-migrazzjoni irregolari	
5.5, 5.7, 5.8 Taħriġ u pariri lill-FSI għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-migrazzjoni irregolari	
5.6. Tisħiħ tal-COR ta' Agadez	
5.9 Appoġġ fi proċeduri legali għall-pulizija u għall-maġistrati f'Agadez	
5.10 Segretarjat eżekuttiv tal-pjattaforma dwar il-koordinazzjoni tal-migrazzjoni	
5.12 Koordinazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni mal-partijiet ikkonċernati l-oħra li jinsabu f'Agadez	

5.13 Azzjonijiet transkonfinali mal-EUCAP Mali u l-EUBAM Libya	
5.14 Żvilupp ta' strateġija dwar il-migrazzjoni mad-delegazzjoni tal-UE responsabbli mill-komunikazzjoni	

	Progress tajjeb
	Progress bil-mod/ Hemm diffikultajiet
	L-ebda progress/ Hemm diffikultajiet sinifikanti

Sors: OPLAN 2016-2018, ħlief fil-każ tal-kompitu 1.3 (OPLAN 2014).

ANNESS IV

Deskrizzjoni qasira mill-QEA dwar il-progress li sar mill-Missjoni EUCAP Sahel Mali fit-twettiq tal-kompiti

Punti ta' deċiżjoni (DP) - Fuq il-bażi tal-OPLAN 2016	Progress
1. Pariri	
DP 1.1 Permezz ta' pariri strateġiċi, il-Missjoni tiġi integrata fil-livell direttorali fl-FSI u l-Ministeri	
Bl-esklużjoni tal-kompitu 1.1.2.1: Titjib tal-istrutturi ta' kontroll intern fl-FSI	
DP 1.2 L-FSI stabbilew l-istrutturi meħtieġa biex jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom u jżidu l-effiċjenza operazzjonali tagħhom	
DP 1.3 Riżorsi Umani - ġew abbozzati testi legali u jiġu applikati fil-prattika	
DP 1.4 Riżorsi Umani - il-proċeduri u l-istrutturi ġew riformati (eż. bażi tad-*data*)	
DP 1.5 Il-kapaċità Maljana fir-rigward tal-ġestjoni tal-fruntieri ġiet imsaħħa	
DP 1.6 Il-kapaċità tal-FSI fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata ġiet imsaħħa	
2. Taħriġ	
DP 2.1 Il-Missjoni ġiet inkorporata fl-istrutturi tat-taħriġ tal-FSI u tal-Ministeri	
DP 2.2 Il-korsijiet u l-programmi ta' taħriġ, inkluż il-kontenut tagħhom, ġew imfassla u qed jiġu implimentati	
Bl-esklużjoni tal-kompitu 2.2.1.1: deskrizzjonijiet tal-funzjonijiet huma abbozzati	
Bl-esklużjoni tal-kompiti 2.2.1.2 u 2.2.2.1: ħolqien ta' katalogu tat-taħriġ u tal-programmi tat-taħriġ	
DP 2.3 L-għadd u l-kwalità tat-trainees mill-FSI huma f'konformità mal-ħtiġijiet identifikati u t-taħriġ huwa suġġett għal evalwazzjoni	
DP 2.4 Korsijiet tat-tip ħarreġ lil min iħarreġ huma organizzati biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-azzjonijiet tal-Missjoni	
DP 2.5 Ġie identifikat qafas għat-taħriġ fi ħdan id-direttorati tal-FSI	
3. Koordinazzjoni	
DP 3.1 Il-koordinazzjoni ma' MINUSMA tippermetti li l-azzjonijiet konġunti jiġu msaħħa u ottimizzati u jiġi evitat it-trikkib tal-azzjonijiet	
DP 3.2 Il-koordinazzjoni ma' sħab/strumenti oħra tal-UE u ma' Stati Membri tal-UE hija kontinwa u effettwata fuq il-bażi ta' skambju regolari ta' informazzjoni u l-iżvilupp ta' azzjonijiet konġunti	
DP 3.3 Azzjonijiet imwettqa minn partijiet ikkonċernati lokali u internazzjonali, pajjiżi terzi, u NGOs fl-istess qasam bħal dak tal-Missjoni (b'mod aktar speċifiku, it-taħriġ u l-evalwazzjoni) jiġu identifikati u koordinati mal-attivitajiet tal-Missjoni	

	Progress tajjeb
	Progress bil-mod/ Hemm diffikultajiet
	L-ebda progress/ Hemm diffikultajiet sinifikanti
	L-evalwazzjoni għadha mhijiex possibbli

Sors: OPLAN 2016.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI U TAS-SEAE GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

"It-Tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà Interna fin-Niġer u l-Mali: sar biss progress limitat u bil-mod"

SOMMARJU EŻEKUTTIV:

I.

Is-SEAE u l-Kummissjoni jixtiequ jenfasizzaw li l-Istati Membri tal-UE u l-awtoritajiet lokali u s-sħab faħħru b'mod konsistenti l-isforzi u l-progress ta' EUCAP Sahel Niġer u EUCAP Sahel Mali mit-tnedija tagħhom fl-2012 u l-2014 rispettivament, minkejja il-kuntest diffiċli.

Kemm il-mandati tal-Missjonijiet ta' EUCAP Sahel Niġer kif ukoll EUCAP Sahel Mali qed jiffokaw fuq sforzi strutturali biex jappoġġaw fuq talba tagħhom l-istituzzjoniiet tal-Mali u n-Niġer. Tali sforzi jeħtieġu impenn fit-tul mill-komunità internazzjonali. Is-sitwazzjoni attwali tas-sigurtà fis-Sahel hija diffiċli ħafna. Il-fruntieri tal-Punent tan-Niġer mal-Mali u l-Burkina Faso kif ukoll il-fruntieri tan-Nofsinhar huma spiss suġġetti għal attakki minn gruppi terroristi. Fil-Mali s-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-reġjuni Ċentrali ddeterjorat fl-2017. Il-pressjoni migratorja hija element ta' sfida addizzjonali għan-Niġer, li kellu jiffaċċja influss migratorju f'daqqa fil-pajjiż. Madankollu, anke taħt dawk iċ-ċirkostanzi diffiċli, iż-żewġ Missjonijiet tejbu b'mod sostanzjali r-reżiljenza tas-sigurtà tal-Mali u n-Niġer, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-komunità internazzjonali u fi ħdan l-approċċ integrat fl-UE kollha.

IV.

Is-SEAE jirrikonoxxi li fil-każ tan-Niġer, l-Istati Membri aċċettaw ir-riskju addizzjonali marbut mat-tnedija rapida tal-Missjoni, li kellha konsegwenzi fuq il-livell ta' tħejjija tal-persunal tal-Missjoni. Madankollu, fil-Mali, it-tim Ewlieni kien imħarreġ sew għal għaxart ijiem fi Brussell u akkumpanjat mis-SEAE matul l-ewwel fażi tal-Missjoni.

V.

Is-SEAE jixtieq jenfasizza li r-rati tal-persunal huma punt ta' attenzjoni kostanti għas-SEAE u l-Kummissjoni. Bħala parti mill-ħidma fuq il-ħila ta' rispons ta' PSDK ċivili, qed ikompli jsir sforz konxju biex tiżdied ir-rata ta' persunal.

VI.

Is-SEAE japprezza li l-QEA tirrikonoxxi f'dan il-kuntest l-importanza li jiġu dedikati riżorsi adegwati biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà f'Missjonijiet Ċivili tal-PSDK.

VII.

Is-SEAE jaqbel ma' din l-osservazzjoni. Hija tassew sfida li jiġu stabbiliti indikaturi relevanti u kwantifikabbli biex jiġi vvalutat il-progress fit-twassil tal-mandat u l-impatt possibbli. Hemm xi limitazzjonijiet minħabba l-ispeċifiċità tal-kuntest tal-PSDK u l-approċċ tal-Istati Membri lejn il-missjonijiet tal-PSDK — ara l-kummenti dwar il-paragrafu 55-.

OSSERVAZZJONIJIET:

23.

L-istruttura tal-Kapaċità Ewlenija ta' Rispons, li tinkludi Pjattaforma ta' Sostenn għall-Missjonijiet (MSP) imsaħħa, għandha tipprovdi l-mezzi legali u finanzjarji li jippermettu t-twaqqif bla xkiel u rapidu għal Missjonijiet futuri.

Kaxxa 2. L-ammont ineliġibbli għall-ewwel sena tal-mandat fil-fatt ma ġiex stabbilit, minħabba li dan jiddependi fuq ir-riżultati ta' proċedura kontradittorja mal-Missjoni ta' EUCAP Sahel Niġer.

25.

Fir-rigward tal-gwida mogħtija, il-Kummissjoni tipprovdi gwida bil-miktub dwar l-aspetti kollha tal-mandat tal-Missjoni (baġit, finanzji, akkwist), u ssegwi fuq bażi ta' kuljum l-implimentazzjoni tal-mandat permezz tal-uffiċjali amministrativi responsabbli għas-suġġett.

Gwida bil-miktub tinkludi Linji gwida għall-Akkwist għal Missjonijiet li jkopru (flimkien mal-Proċeduri u l-gwida prattika –PRAG-) l-aspetti ta' akkwist u l-mudelli għall-Missjonijiet. Il-Kummissjoni qed toħroġ ukoll Vademecum PSDK dwar kwistjonijiet finanzjarji u kuntrattwali, li se jissostitwixxi noti ta' struzzjonijiet separati u jipprovdi sors koerenti wieħed ta' informazzjoni u gwida għal Missjonijiet dwar kwistjonijiet finanzjarji u kuntrattwali.

26.

Perjodu itwal ta' ssekondar mill-Istati Membri u taħriġ speċifiku dwar l-implimentazzjoni tal-proġett huma meħtieġa biex jingħelbu dawn in-nuqqasijiet.

27.

Is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni jilqgħu din il-valutazzjoni pożittiva tal-Qorti.

L-MSP u l-Maħżen tal-PSDK se jindirizzaw it-tħassib tal-Qorti rigward il-forniment ta' massa kritika ta' riżorsi, biex b'hekk titjieb l-abbiltà li tiġi żgurata reazzjoni rapida għal sitwazzjonijiet ta' kriżi, filwaqt li jinkisbu ekonomiji ta' skala permezz taċ-ċentralizzazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ għall-missjonijiet kritiki u jitnaqqas il-piż amministrattiv ta' Missjonijiet PSDK.

28.

Iż-żewġ missjonijiet tal-PSDK jibbenefikaw mill-proċedura ta' akkwist l-aktar flessibbli permessi mir-Regolament Finanzjarju li jirriżultaw minn sitwazzjoni ta' kriżi fil-pajjiż ta' ħidma tagħhom kif dikjarat mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli b'delega, u jistgħu jużaw proċeduri negozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt.

Il-perjodu baġitarju tal-mandat għandu jkun allinjat mal-bażi ġuridika applikabbli (jiġifieri d-Deċiżjoni tal-Kunsill). L-FPI se tesplora l-possibbiltajiet offruti mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' finanzjament pluriennali u l-iffirmar ta' ftehimiet ta' delega b'tul ta' żmien itwal.

Mandati itwal ikollhom il-vantaġġ li jipprovdu Missjonijiet b'medda ta' żmien itwal biex iwettqu l-akkwisti tagħhom.

Proċeduri ta' akkwist li għandhom ikunu applikati minn Missjonijiet tal-PSDK huma definiti fir-Regolament Finanzjarju u r-Regoli ta' Applikazzjoni tiegħu (RAP). Dawn huma spjegati f'aktar dettall fil-Gwida Prattika għal Akkwist u Għotjiet għal azzjonijiet esterni tal-Unjoni Ewropea (PRAG). L-FPI bħala servizz tal-Kummissjoni, filwaqt li jinforza bħala miżura mitiganti kontroll ex-ante tal-proċeduri ta' akkwist imnedija f'Missjonijiet tal-PSDK mhux ivvalutati taħt pilastru, qed japplika fuq l-akkwist pubbliku r-regoli u r-regolamenti hawn fuq imsemmija.

Elementi omoġenji ta’ proċedura ta' akkwist għal provvista għandhom ikunu f’proċedura f’Lot wieħed, biex jiġi evitat il-qsim artifiċjali tal-proċedura, li jwassal għal evażjoni tal-limiti minimi tal-akkwist stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju.

Il-limitu għall-użu ta’ kuntratt qafas għal hardware tal-kompjuter intlaħaq u għalhekk m’għadux applikat. Sakemm jiġi implimentat il-Maħżen ċentralizzat fl-2018, l-FPI informa lill-Missjonijiet li x-xiri ta’ tagħmir tal-kompjuter għandu jsegwi r-regoli standard ta’ akkwist applikabbli għall-Missjonijiet.

Il-ħolqien ta’ Pjattaforma ta’ Sostenn għall-Missjonijiet u l-Maħżen Komuni għandu jirrimedja din il-lakuna.

It-twaqqif ta’ Maħżen ċentrali għandu jipprovdi ħażna ta’ oġġetti kritiki ġestiti ċentralment li jkunu disponibbli malajr għal Missjonijiet tal-PSDK, li għandu jtejjeb ħafna l-abbiltà ta’ skjerament rapidu ta’ Missjonijiet ġodda, u jnaqqas in-numru ta’ proċedura ta' akkwist fil-Missjonijiet eżistenti.

29.

Għal EUCAP Sahel Mali, is-segwitu tal-valutazzjoni-pilastru tar-rapport tal-awditjar sar f’Ottubru 2017. Ir-riżultati huma pożittivi u EUCAP Sahel Mali ġiet iddikjarata konformi mal-kriterji relatati mas-sitt pilastri mill-1 ta’ Marzu 2018. Dan ifisser li l-Kap tal-Missjoni rċieva setgħat delegati biex jawtorizza x-xiri, u l-Kummissjoni tkompli twettaq kontrolli ex-post.

Segwitu simili għal EUCAP Sahel Niġer huwa ppjanat għal nofs l-2018.

30.

Is-SEAE jikkunsidra li ż-żewġ Missjonijiet kienu pprovduti b’għadd ta’ struzzjonijiet, Proċeduri Operattivi Standard, mudelli f’bosta oqsma (Operazzjonijiet, loġistika, finanzi, riżorsi umani, sigurtà eċċ.). Madankollu, hemm lok għal titjib fl-armonizzazzjoni tal-proċeduri u l-linji gwida. Bħalissa dan qed jiġi indirizzat permezz tat-twaqqif tal-Pjattaforma ta' Sostenn għall-Missjonijiet u l-iżvilupp ta’ Linji Gwida Operazzjonali rilevanti għall-attivitajiet tal-Missjonijiet.

31 u 32.

Is-SEAE jixtieq jenfasizza li l-proċess ta’ ġenerazzjoni tal-forza jiddependi kważi kompletament fuq il-kontribuzzjoni tal-Istati Membri. Sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni bikrija tal-forza, jitjiebu l-proċeduri ta’ reklutaġġ u biex l-Istati Membri jiġu megħjuna fl-ippjanar tagħhom fir-rigward ta’ proviżjoni ta’ persunal għall-Missjonijiet, is-SEAE ħejja Ktejjeb tar-Riżorsi Umani li jispjega 77 profili funzjonali ġenerali u speċifiċi li se jkunu meħtieġa mill-Missjonijiet. Awtoritajiet ta’ ssekondar jistgħu jwaqqfu huma stess grupp ta’ persuni li jkunu lesti japplikaw għal pożizzjonijiet f’Missjonijiet PSDK Ċivili. Huwa mistenni li din il-Gwida tippermetti wkoll l-irfinar ta’ proċessi ta’ għażla nazzjonali, biex ikun żgurat li dawk il-kandidati proposti mill-Istati Membri jissodisfaw il-kriterji tal-pożizzjonijiet reklamati.

33.

Is-SEAE japprezza li l-QEA tirrikonoxxi f’dan il-kuntest l-importanza tat-tul tas-ssekondar mill-Istati Membri.

Is-SEAE qed jesplora l-mezzi kollha possibbli biex isolvi l-kwistjoni tal-postijiet vakanti, inkluż appelli ripetuti lill-Istati Membri biex iwettqu l-impenn tagħhom f’termini ta’ ekwipaġġ f’konformità mal-OPLANs.

Kaxxa 3.

Sabiex itejjeb l-iskjerament rapidu ta’ esperti kkwalifikati meta jkun meħtieġ, is-SEAE jitlob (flimkien mal-Kummissjoni) it-twaqqif ta’ kapaċità bażika ta’ rispons bħala parti minn approċċ fuq ħafna livelli. Il-Kunsill reċentement approva (konklużjonijiet tat-13 ta’ Novembru 2017) it-twaqqif sa Mejju 2018 ta’ tali struttura li se “tikkonsisti f’Pjattaforma ta' Sostenn għall-Missjonijiet imsaħħa kif ukoll ir-riżorsi mqiegħda f’Missjonijiet eżistenti li jistgħu jkunu kkomplementati permezz ta’ assi li jistgħu jiġu skjerati rapidament u elementi ta’ ppjanar minn Stati Membri, kif ukoll, fejn maqbul, timijiet speċjalizzati u formazzjonijiet multinazzjonali bħall-Forza tal-Ġendarmerija Ewropea”. L-implimentazzjoni se teħtieġ b’mod partikolari ż-żieda b’1 jew 2 % tal-ekwipaġġ attwali fil-Missjonijiet tal-PSDK għal kompiti operazzjonali (skjerati f’pożizzjonijiet ta’ żewġ funzjonijiet). Din se tkun għodda waħda fost sforzi addizzjonali oħrajn possibbli biex titjieb ir-rata ta’ ekwipaġġ.

34 u 35.

Il-progress lejn l-istat aħħari u għalhekk l-istrateġija ta’ ħruġ, u l-kronoloġija tagħha, hija spiss diffiċli matul it-twettiq ta’ Missjoni għal raġunijiet politiċi u ta’ sigurtà.

37.

Is-SEAE japprezza li l-QEA tirrikonoxxi f’dan il-kuntest, il-kuntest diffiċli speċjalment meta biss EUCAP Niġer kien jeżisti bħala l-istrument uniku tal-UE, iffokat fuq it-tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà.

41.

Is-SEAE jirrikonoxxi li l-proċeduri amministrattivi ma kinux fis-seħħ sa mill-bidu tal-Missjoni. Minkejja n-nuqqas ta’ softwer tal-HR biex jittraċċa l-mobilità preċedenti u attwali interna ta’ persuna f'taħriġ, il-Missjoni rnexxielha tirrestawra, wara żjara ta’ awditu, ammont sostanzjali ta’ data u dokumenti relatati mal-kampjuni ta’ taħriġ mitlub mill-QEA.

Il-Missjoni ssegwi ġabra ta’ iktar minn 100 għalliem li kienu mħarrġa f’suġġetti differenti mill-Missjoni u l-esperti tal-Missjoni iwettqu b’mod regolari azzjonijiet ta’ valutazzjoni u pariri mal-għalliema Niġerjani li jinsabu f’sitwazzjoni ta’ taħriġ reali mal-kollegi tagħhom.

42.

Is-SEAE u l-Kummissjoni japprezzaw li l-QEA tirrikonoxxi, f’dan il-kuntest, l-importanza li jiġi pprovdut tagħmir bħala mezz ta’ appoġġ għall-kisbiet tal-istat aħħari tal-Missjonijiet Ċivili tal-PSDK.

43.

Is-SEAE jaqbel ma’ din l-osservazzjoni. Sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà f’dan il-kuntest, huwa meħtieġ li linji baġitarji speċifiċi jiġu ddedikati fil-baġit tal-Missjonijiet.

53.

Is-SEAE jixtieq jenfasizza li ż-żewġ Missjonijiet ma għandhomx mandat eżekuttiv biex jikkontrollaw il-kompiti u l-movimenti tal-persunal wara li jsir it-taħriġ. Madankollu, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta’ persuna f'taħriġ huwa ta’ tħassib kostanti għall-Missjoni. Operazzjonijiet ta’ kontroll jitwettqu fit-tmiem tat-taħriġ fi frodi tad-dokumenti, jew matul operazzjonijiet immirati mal-FSIs (mal-Unità Kontra t-Traffikar u l-forza tal-pulizija fl-ajruport fuq mal-wasliet u qabel it-tluq ta’ ajruplani; kontrolli fil-ġenb tat-triq mit-tliet forzi fil-bibien ta’ Niamey jew fil-provinċji pereżempju).

F'termini ta' previżjoni u sostenibbiltà, softwer ta' ġestjoni tar-riżorsi umani sar disponibbli għat-tliet FSIs fl-2016. L-għan ewlieni ta' dan l-istrument huwa li jippermetti lill-FSI li jtejjeb il-kwalità tal-ġestjoni tiegħu, speċjalment il-previżjonijiet. Fl-istess ħin, din l-għodda ta' arkivjar tippermetti lill-FSI jittraċċa l-karriera tal-impjegati taċ-ċivil. Bħala riżultat, is-softwer ipprovdut mill-Missjonijiet lill-ISF jippermetti traċċar iktar effikaċi ta' eżerċizzji u taħriġ ta' kull membru tal-persunal jew għalliem, imħarreġ mill-Missjoni.

Għal raġunijiet baġitarji interni, l-awtoritajiet tan-Niġer ma għandhomx għadd suffiċjenti ta' persunal biex iwettqu l-kompiti ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni li għandhom jagħmlu u għalhekk jiskjeraw mill-ġdid, skont l-emerġenzi u kontinġenzi tal-mument.

Kaxxa 7.

Is-SEAE jixtieq jenfasizza li l-COR ta' Agadez kien operattiv għal ċelebrazzjoni nazzjonali fl-2016. Il-Missjoni għamlet kunsinna tat-tagħmir neċessarju, inkluż radji. Madankollu, kif imsemmi fid-dokumenti ta' trasferiment, l-awtoritajiet lokali huma responsabbli għall-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-manutenzjoni tajba ta' dan il-materjal.

Il-Missjoni ħadet nota ta' vettura bil-ħsara u qed tfittex soluzzjonijiet.

54.

It-taħriġ ta' ġestjoni ta' kriżi ġie provdut mill-Missjoni għal 110 persunal tal-forzi tas-sigurtà u tad-difiża, li minnhom uħud m'għadhomx inkarigati mis-COR.

Din is-sitwazzjoni hija magħrufa sew fil-Missjonijiet PSDK kollha li fihom uħud mill-kontropartijiet huma mħarrġa għal ħtieġa speċifika iżda mbagħad jiġu ttrasferiti minħabba r-rotazzjoni normali tal-persunal.

Bħala parti mill-mandat mhux eżekuttiv tagħha, EUCAP Sahel Niger tfittex tippromwovi s-sostenibbiltà tat-taħriġ li ngħata iżda ma tistax tinterferixxi fil-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani.

55 u 56.

Il-Missjonijiet diġà qed jaħdmu biex itejbu l-metodoloġija tagħhom u s-SEAE jagħraf li jista' jkun hemm lok għal titjib. Is-SEAE se jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' linji gwida fuq il-Monitoraġġ u l-Valutazzjoni applikabbli kemm għal PSDK kif ukoll l-attivitajiet tal-Kummissjoni fil-qasam tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (f'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta tal-2015 dwar "Il-Bini tal-Kapaċitajiet sabiex jitwieżnu s-Sigurtà u l-Iżvilupp" u l-Komunikazzjoni Konġunta "Elementi għal Qafas Strateġiku għall-UE kollha għal appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà").

60.

Is-SEAE jaqbel ma' din l-osservazzjoni. Huwa jenfasizza d-dgħufija relattiva tas-SEAE fit-twettiq ta' evalwazzjoni kif suppost tal-impatt operazzjonali tal-Missjonijiet. Il-proċess ta' Reviżjoni Strateġika tal-Missjonijiet diġà jipprovdi bażi tajba għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Missjonijiet. Madankollu, is-SEAE huwa konxju li l-miżura ta' prestazzjoni tal-Missjonijiet tista' titjieb u diġà beda jindirizza din il-kwistjoni, b'mod partikolari billi jistabilixxi funzjonijiet ta' valutazzjoni operazzjonali fi ħdan il-Missjonijiet.

61.

Is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni japprezzaw li l-QEA tirrikonoxxi f'dan il-kuntest ir-rwol ta' EUCAP Sahel Missjonijiet għat-tfassil tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-proġetti tal-Afrika.

63 u 64.

Is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni jaqblu mar-Rakkomandazzjoni 1 u diġà qed jieħdu l-miżuri xierqa biex isaħħu l-effiċjenza, is-sostenibbiltà u r-rata ta' ekwipaġġ (notevolment permezz taċ-Ċellula ta' Koordinazzjoni Reġjonali, il-Pjattaforma ta' Sostenn għall-Missjonijiet, il-Kapaċità Bażika ta' Rispons, l-iżvilupp ta' Linji Gwida Operazzjonali dwar suġġetti relevanti għall-attivitajiet tal-Missjonijiet u t-twaqqif tal-Maħżen tal-PSDK).

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET:

Rakkomandazzjoni 1:

Is-SEAE u l-Kummissjoni jaċċettaw ir-rakkomandazzjonijiet, sa fejn huma kkonċernati.

Rakkomandazzjoni 2:

Is-SEAE taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Rakkomandazzjoni 3:

Is-SEAE u l-Kummissjoni jaċċettaw ir-rakkomandazzjoni sa fejn huma kkonċernati. Il-perjodu baġitarju tal-mandat għandu jkun allinjat mal-bażi ġuridika applikabbli (jiġifieri d-Deċiżjoni tal-Kunsill). Il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltajiet offruti mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' finanzjament pluriennali u l-iffirmar ta' ftehimiet ta' delega b'tul ta' żmien itwal.

Rakkomandazzjoni 4:

Is-SEAE jaċċetta r-rakkomandazzjoni u tistieden lill-QEA biex tieħu inkonsiderazzjoni l-ispeċifiċità tal-Missjonijiet tal-PSDK. Il-mandat tal-Missjoni huwa maqbul mill-Kunsill li jiddetermina l-mandat, il-baġit u l-linji ta' operazzjonijiet. Il-preżenza ta' evalwaturi esterni hija wkoll suġġetta għall-approvazzjoni tal-Istati Membri.

L-abbozz ta' Reviżjoni Strateġika ta' EUCAP Sahel Niger diġà indirizza l-kwistjoni li l-attivitajiet tal-Missjoni jkunu sostenibbli fost oħrajn bl-introduzzjoni tas-sostenibbiltà bħala prinċipju bażiku ta' ħidma tal-Missjonijiet fil-mandat li jmiss. Is-sostenibbiltà mhux se tibqa' tkun marbuta biss mat-taħriġ u pariri bħala wieħed mill-ħames objettivi, iżda għandha tiġi integrata biex tiġi faċilitata t-tranżizzjoni.

Rakkomandazzjoni 5:

Is-SEAE taċċetta r-rakkomandazzjoni u tistieden lill-QEA biex tieħu inkonsiderazzjoni l-ispeċifiċità tal-Missjonijiet tal-PSDK.

Is-SEAE se jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' linji gwida fuq il-Monitoraġġ u l-Valutazzjoni applikabbli kemm għall-PSDK kif ukoll għall-attivitajiet tal-Kummissjoni fil-qasam tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (f'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta tal-2015 dwar "Il-Bini tal-Kapaċitajiet sabiex jitwieżnu s-Sigurtà u l-Iżvilupp" u l-Komunikazzjoni Konġunta "Elementi għal Qafas Strateġiku għall-UE kollha għal appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà").

Il-proposta biex isiru valutazzjonijiet esterni tal-Missjonijiet se tkun suġġett għal deċiżjoni tal-Kunsill.

Avveniment	**Data**
Adozzjoni tal-APM / Bidu tal-awditu	2.5.2017
L-abbozz tar-rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lil parti awditjata oħra)	2.3.2018
Adozzjoni tar-rapport finali wara l-proċedura kontradittorja	24.4.2018
Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni u tas-SEAE riċevuti bil-lingwi kollha	13.6.2018

In-Niġer u l-Mali huma stati fl-Afrika tal-Punent li jinsabu f'sitwazzjoni fraġli, li s-sigurtà tagħhom tinsab mhedda mill-preżenza ta' gruppi terroristiċi, fruntieri mhux sikuri u migrazzjoni irregolari. Sabiex tkun tista' tirreaġixxi għal dan it-theddid, l-UE stabbiliet Missjonijiet tal-PSDK, fl-2012 u fl-2014 rispettivament, biex issaħħaħ il-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà interna billi tipprovdi taħriġ, pariri u tagħmir. Bejn l-2012 u l-2017, l-UE allokat EUR 69 455 000 għall-Missjoni EUCAP Sahel Niger u bejn l-2014 u l-2017 hija allokat EUR 66 475 000 għall-Missjoni EUCAP Sahel Mali. Aħna kkonkludejna li l-Missjonijiet kellhom xi suċċess iżda li l-progress mexa bil-mod. Dan kien dovut għall-kuntest diffiċli li fih kellhom jaħdmu l-Missjonijiet, iżda wkoll minħabba diffikultajiet operazzjonali. Aħna nagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-effiċjenza operazzjonali, is-sostenibbiltà u l-monitoraġġ.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

©Unjoni Ewropea, 2018.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.